Ħarġa nru. 100 - Lulju 2015

# SPORTIV

B'XEJN ma' l-orizzont

Magażin Sportiv ta' kull xahar




# MARCO BORG jirreffja fil-Korea t'Isfel

AKTAR F'PAĠNA 12

• FOOTBALL • MALTA FOOTBALL ASSOCIATION
• WATERPOLO • SNOOKER • BOXING • GOZO SPORT
• STORJA TAL-FOOTBALL MALTI

TeamSporT®

IPPARTEĊIPA U IRBAĦ MA' TEAMSPORT





# Ħu kontroll tat-TV tiegħek

Bil-GO Interactive TV tista' terġa tara l-episodji li tlift

## Limitless Home Pack Interactive

minn €25 fix-xahar

Segwina   go.com.mt/homepack

GO
Limitless



# Lulju 2015

Fost is-sħana qawwija li ħakmet lill-Gżejjer Maltin matul dan ix-xahar, l-attenzjoni prinċipali kienet immirata fuq l-erba' timijiet Maltin li pparteċipaw fil-kompetizzjonijiet Ewropej - Hibernians (UEFA Champions League), Valletta, Birkirkara u Balzan (UEFA Europa League), b'dawn tal-aħħar jagħmlu d-debutt tagħhom li kien wieħed rispettabbli meta sfaw eliminati bl-iskor ta' 3-0 kontra FC Zeljeznicar.

Min-naħa ta' Valletta, iddiżappuntaw meta sfaw eliminati minn Newtown AFC b'aggregate ta' 4-2, li iżda, sabu bosta problemi tal-visa quddiemhom qabel ma marru jilagħbu f'Wales.

Birkirkara għaddew għat-tieni round preliminari meta għelbu lil FC Ulisses b'aggregate ta' 3-1 biex imbagħad lagħbu kontra West Ham, bl-Ingliżi joħorġu rebbieħa 1-0 fl-aħħar minuta tal-ewwel leg.

L-unuri jmorru għand Hibernians li, fl-ewwel leg, għelbu lil Maccabi Tel Aviv 2-1 għal dan ir-riżultat prestiġjuż .... li iżda sfaxxaw fit-tieni leg meta tilfu 5-1, f'Tel Aviv, għal aggregate ta' 6-3.

Jesmond Moore - Editur



# Irbaħ €25 voucher ma' TeamSport®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ rigal ġentilment offrut lilna minn Teamsport...

**X'kien ir-riżultat bejn Hibernians u Maccabi Tel Aviv fil-Hibernians Stadium?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Awwissu, 2015:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 99 hija:*
**Ġibiltà v Ġermanja**

*Ir-rebbieħ huwa:*
Chris Vella - Rabat






CAR | HOME | HEALTH | TRAVEL | BOAT | PET | WEDDING | BUSINESS

# MY CAR

The ideal solution to cover your car, van or motorcycle. Drive your vehicles with peace of mind.

LAFERLA
INSURANCE AGENCY LIMITED

Agents for:

MAPFRE | MIDDLESEA



## Search

Laferla Car Insurance

## Contact Us

+356 2122 4405

info@laferla.com.mt

Find us on Facebook

Laferla Insurance Agency Limited, Vincenti Buildings, Old Bakery Street, Valletta VLT 1453.

Tel: 2122 4405 Fax: 2124 6704 www.laferla.com.mt

Laferla Insurance Agency Limited (C-14529) is authorised as an agent for Mapfre Middlesea p.l.c. (C-5553) under the Insurance Business Act 1998 to carry out insurance business. Both companies are authorised by the Malta Financial Services Authority.





Ħarġa nru 100
SPORTIV
Magażin Sportiv ta' kull xahar

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Sales & Marketing Manager**
Marouska Buttigieg
25900253
mbuttigieg@unionprint.com.mt

**Dipartiment tal-Avviżi**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

**Sales Persons**
Joseph Xuereb 9980 4283
Jason Giardina 9946 7037

**Ritratti**
Ian Noel Pace
Roger Azzopardi
Joe Borg

***Cover - Ir-referee Marco Borg ikeċċi player Brażiljan fis-semi-finali kontra l-Korea t'Isfel fil-World University Summer Games ġewwa Gwangju, fil-Korea t'Isfel***

UNION PRINT CO. LTD

**SPORTIV huwa ppubblikat minn Union Print Co. Ltd Marsa Tel: 25900216**

Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal L-ORIZZONT fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.

# Werrej

6 **MFA**
Il-Laqgħa Ġenerali Annwali tapprova r-rapporti kollha amministrattivi

16 **Champions League**
Hibernians jisfaxxaw wara riżultat prestiġjuż

18 **UEFA Europa League**
Birkirkara jissuperaw lil FC Ulisses

20 **UEFA Europa League**
Valletta jonqsu milli jikkwalfikaw

22 **UEFA Europa League**
Debutt rispettabbli minn Balzan FC

24 **UEFA Europa League**
Birkirkara b'telfa minima kontra West Ham

26 **Youth FA**
Jiġi fi tmiemu l-Istaġun 2014/15

28 **Sport & Exercise**
Oreventing a Cardiac event in Athlete

30 **Copa America**
Cilí għall-ewwel darba

34 **Waterpolo**
San Ġiljan itemmu l-ewwel fażi fl-ewwel post

36 **Boxing**
Organizzata l-akbar attivitá li qatt saret f'pajjiżna

38 **Gozo Sport**
Staġun ta' successi għall-Gozo Motocross Association

40 **MEUSAC**
L-Isport, il-Kundizzjoni Fiżika u s-Saħħa Mentali

42 **Snooker**
World Eight Ball Pool Championship

44 **Storja tal-Futbol Malti**
It-Timijiet il-kbar jirbħu kollha

46 **'Spot The Ball' u Tisliba**

mfa.com.mt




# Il-Laqgħa Ġenerali

## tapprova l-attivitajiet u l-proposti kollha tal-MFA għall-ġid tal-Futbol Malti

Il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-MFA saret fil-Lukanda Westin Dragonara fejn fost preżenza qawwija mill-klabbs membri u assoċjazzjonijiet membri kienu approvati r-rapporti kollha amministrattivi u finanzjarji li tressqu quddiem l-istess Laqgħa Ġenerali.

Giancarlo Abete, viċi-president tal-UEFA u eks president tal-FIGC, kien l-osservatur f'isem il-UEFA. Kien preżenti wkoll is-Segretarju Ġenerali tal-KOM, Joe Cassar.

Il-President tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, għamel diskors ta' merħba u sellem lil dawk kollha preżenti għal-laqgħa.

Wara li ġew approvati l-minuti tal-aħħar Laqgħa Ġenerali u l-Laqgħat Ġenerali Straordinarji, is-Segretarju Ġenerali tal-MFA, Bjorn Vassallo, ippreżenta r-Rapport Amministrattiv għall-istaġun 2014-15.

Is-Sur Vassallo qal li l-Assoċjazzjoni hi ħajja u progressiva. Hu qal li din kienet sena oħra ta' ħidma favur l-iżvilupp u t-tiġdid tal-logħba tal-futbol f'pajjiżna:

"Kienet sena importanti ħafna fejn laħqet il-qofol tagħha, fit-13 ta' Mejju li għadda, meta b'vot qawwi u unanimu kienet approvata riforma vitali mmirata lejn l-esiġenzi tal-plejers u tal-klabbs."

Huwa kompla jgħid li din is-sena kienet ukoll ikkaratterizzata minn avveniment ieħor importanti meta fi Frar, l-MFA, il-klabbs lokali u l-MFPA bħala rappreżentanti tal-plejers, iltaqgħu madwar mejda fi Djalogu Soċjali organizzat mill-UEFA bil-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti barranin fosthom il-FIFPRO u l-EPFL. Avveniment ieħor kbir se jkun il-UEFA TEP (Top Executive Programme) li se jsir f'Malta f'Settembru li ġej.

Is-Segretarju Ġenerali tenna wkoll li matul l-istaġun li għadda l-MFA fakkret il-100 Kampjonat tagħha li ntrebaħ minn Hibernians FC. Huwa fakkar li waħda mill-ikbar sfidi li kellha u se jibqa' jkollha l-MFA matul is-snin li ġejjin se tkun dik li tiġi salvata l-integrità tal-logħba u ħadd u xejn m'hu se jwaqqaf lill-MFA milli jkollha futbol nadif f'kull livell. Ir-Rapport Amministrattiv kien approvat b'mod unanimu.

**Rapport Finanzjarju**

Ir-Rapport Finanzjarju mressaq mit-Teżorier tal-MFA, Ivan Mizzi, ġie approvat mill-Kamra kollha b'mod unanimu.

Dħul - €5,715, 241 euro
Ħruġ - €4,918, 320 euro
Ħruġ iktar minn dħul wara d-dipprezzament ta' €878,421 - (€841,601)

L-MFA għamlet profitt ta' €36,820.









**Elezzjoni għall-Kumitat Eżekuttiv**

Fl-elezzjoni għal żewġ membri overall fil-Kumitat Eżekuttiv tal-MFA 2015/16 kien hemm:

Voti eliġibbli: 113
Voti validi: 112
Kienu eletti: Michael Cutajar (St. George's) 62, Redino Apap (Qormi FC) 53
Mhux eletti: Paul Falzon (St. Andrew's) 48, Manuel Gauci (Żabbar SP) 42

**Mozzjonijiet**

Is-Sur Bjorn Vassallo, ressaq mozzjoni f'isem il-Kumitat Eżekuttiv biex il-Malta Masters Football, isiru membri ġodda tal-MFA. Il-kamra aċċettat din il-mozzjoni biex il-Malta Masters Football saru membri sħaħ tal-Malta Football Association.

**Emendi għall-Istatut**

Fl-aħħar tal-Laqgħa, Dr Chris Bonett, ressaq ħames proposti ġodda li kienu diskussi matul is-sena fil-Kunsill tal-MFA u li waqt il-laqgħa ġew approvati kollha unanimament mil-Laqgħa Ġenerali.

Il-President tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, għalaq il-laqgħa b'diskors li matulu elenka diversi suċċessi li kellha l-MFA s'issa u x'qed tippjana li jsir fil-futur għall-ġid tal-futbol Malti fosthom investimenti kapitali fil-faċilitajiet sportivi tal-Assoċjazzjoni f'Ta' Qali.

# Jintemm b'żewġ korsijiet oħra l-istaġun taċ-Ċentru Tekniku tal-MFA



Iċ-Ċentru Tekniku tal-MFA dan l-aħħar ta bidu għal żewġ korsijiet ġodda, il-Physical Trainers Course Level A u l-kors għall-Goalkeepers. Għall-ewwel kors qed jattendu 28 parteċipant u 12 għall-kors l-ieħor.

Luca Pagani, il-preparatur fiżiku tat-tim nazzjonali, qed imexxi l-kors għall-trainers tal-fiżika immirat għall-kowċis kwalifikati għaż-żgħażagħ. Tliet kowċis Taljani qed jattendu dan il-kors.

Charles Sciberras, kowċ tal-goalkeepers tat-tim nazzjonali, hu l-kelliem ewlieni fil-kors tal-goalkeepers li hu maqsum f'żewġ partijiet - teorija u prattika.

Dawn iż-żewġ korsijiet itemmu staġun ta' coaching mill-iktar intensiv miċ-Ċentru Tekniku li jvarjaw mis-CYF għall-ogħla kors li jmexxu ċ-Ċentru Tekniku UEFA A.

Għall-korsijiet kollha li saru attendew aktar minn 400 parteċipant. Matul l-istagun 2014-15 kienu ntrodotti żewġ korsijiet ġodda - il-Football Parent Course u l-IT Football Course.



# Malta se torganizza l-ewwel kors UEFA PRO

F'laqgħa li l-JIRA Panel kellu fi Praga, f'Ġunju li għadda, iddikjara uffiċjalment li Malta tista' torganizza l-ewwel kors fil-liċenzja UEFA PRO.

Il-kors se jibda fit-12 ta' Settembru ta' din is-sena u jintemm f'April ta' sentejn oħra meta jsiru l-aħħar *assessments* tal-kandidati.

Frank Ludolph u Dany Ryser assistew lil Malta fil-preprazzjoni li saret għal dan il-kors fi Frar ta' din is-sena. Dan tal-aħħar se jassisti fil-kurrikulum u l-organizzazzjoni ta' dan il-kors u mistenni jżur pajjiżna diversi drabi waqt li jkun għaddej il-kors.

L-MFA irċeviet 28 applikazzjoni għal dan il UEFA PRO. L-applikanti kollha ppreżentaw sessjoni ta' prattika u qagħdu għal intervista qabel intgħażlu.

L-MFA qed tħares 'il quddiem lejn din l-esperjenza b'entużjażmu kbir. Dan il-kors għandu jgħin biex ikompli jogħla l-livell ta' coaching f'Malta.

Dan hu tragward ieħor li laħaq iċ-Ċentru Tekniku tal-MFA u d-Dipartiment tal-Coaching Education, xhur biss wara li organizza l-ewwel UEFA A Elite.

# It-tim nazzjonali tal-Beach Soccer jikkompeti f'Pescara



It-tim nazzjonali tal-Beach Soccer din is-sena se jieħu sehem fl-ewwel edizzjoni tal-Mediterranean Beach Games li se jsiru f'Pescara bejn l-aħħar ta' Awwissu u l-bidu ta' Settembru.

Din hija l-ewwel darba li t-tim nazzjonali tal-Beach Soccer se jieħu sehem f'dan it-tournament barra minn xtutna.

Lejn l-aħħar ta' Ġunju, it-tim għamel training camp ta' erbat ijiem fi Viareggio bi tħejjija għal din il-kompetizzjoni. Il-plejers sakemm tasal il-kompetizzjoni qed jitħarrġu tliet darbiet fil-ġimgħa, f'Għajn Tuffieħa.

L-għaxar plejers li marru għat-training camp kienu: Ivan Cassar, Roderick Camilleri, Diego Armando Cucciardi, Julian Briffa, Ronald Spina, George Frendo, Gilbert Martin, Ronnie Celeste, Mark Camilleri u Justin Camilleri

Il-Malta Beach Soccer Association tirringrazzja lill-Kumitat Olimpiku Malti u lill-Malta Football Association li għenu u emmnu f'dan it-tim nazzjonali biex jista' jikkompeti f'dan it-tournament internazzjonali.

# Malta fil-grupp ta' Franza fit-Tazza tad-Dinja tal-Futsal




It-tim nazzjonali Malti tal-Futsal se jilgħab kontra Franza, il-Litwanja u l-Albanija fi Grupp Ċ validu mal-FIFA Futsal World Cup li l-finali tagħha se tintlagħab fil-Kolombja, fl-2016.

Malta se tilgħab il-logħbiet kollha fil-Litwanja bejn it-22 u l-25 ta' Ottubru ta' din is-sena. Mark Borg, President tal-Futsal Malta Association kien preżenti għat-tlugħ tal- poloz.

Jekk tikkwalifika mill-grupp, Malta tilgħab kontra r-Repubblika Ċeka, Slovenja u Kazakhstan fit-tieni fażi tal-kompetizzjoni.

**Il-gruppi kollha fir-rawnd preliminari huma dawn:**

| | |
|---|---|
| Grupp A: | Georgia, Moldova, Andorra, Ġibiltà |
| Grupp B: | Greċja, Montenegro, Svezja, San Marino |
| Grupp Ċ: | Franza, Litwanja, Albanija, Malta |
| Grupp D: | Latvja, Armenia, Ċipru, Estonja |
| Grupp E: | Iżrael, Ingilterra, Danimarka, Wales |
| Grupp F: | Finlandja, Bulgarija, Svizzera |

**Il-gruppi fit-tieni fażi huma hekk:**

| | |
|---|---|
| Grupp 1: | Ukrainja, Ungerija, Belġju u r-rebbieħ ta' Grupp E |
| Grupp 2: | Kroazja, Azerbaijan, Belarus u r-rebbieħ ta' Grupp B |
| Grupp 3: | Russja, Serbja, Turkija u r-rebbieħ ta' Grupp F |
| Grupp 4: | Spanja Olanda, Bosnja Herzegovina u r-rebbieħ ta' Grupp D |
| Grupp 5: | Rep. Ċeka, Slovenja, Kazakhstan, u r-rebbieħ ta' Grupp Ċ |
| Grupp 6: | Portugall, Rumanija, Polonja u Norveġja |
| Grupp 7: | Italja, Slovakkja, Macedonjia, u r-rebbieħ ta' Grupp A |

## UEFA Champions League tan-Nisa

# Hibernians se jilagħbu fl-Ewwel Round tal-kompetizzjoni




Iċ-champions tal-Kampjonat tan-Nisa, Hibernians, se jieħdu sehem fiċ-Champions League għall-istaġun 2015-16.

Fl-istess grupp miegħu, it-tim mir-Raħal Ġdid se jkollu lil Apollon Limassol ta' Ċipru, Stjarnan tal-Islanda u KI Klaksvik tal-Gżejjer Faroe.

Fatt interessanti f'din il-polza se tkun li mat-tim Ċiprijott ta' Apollon Limassol hemm tilgħab miegħu l-Maltija Rachel Cuschieri.

Tnejn u tletin tim maqsumin fi tmien gruppi se jieħdu sehem f'dan l-ewwel rawnd tal-kompetizzjoni. Fit-tieni rawnd jidħlu fl-azzjoni 15 il tim ieħor li għandhom l-aktar ranking għoli tal-UEFA.

Il-partiti jintlagħbu kollha bejn il-11 u s-16 ta' Awissu u r-rebbieħ ta' kull grupp jikkwalifikaw għat-tieni rawnd.

Ħames timijiet minn dawn li qed jipparteċipaw f'din il-kompetizzjoni din is-sena qegħdin jagħmlu d-debutt fir-rawnd tal-kwalifikazzjoni.

Dawn huma Benfica, Ferencvaros, Wexford Youths, Dragon 2014, u Jeunesse Junginster.

# Luxol Futsal fi Grupp B tal-UEFA Futsal Cup




Luxol Futsal iċ-Champions Maltin tal-Futsal telgħu biex jilagħbu fi Grupp B tal-UEFA Futsal Cup.

F'dan ir-rawnd preliminari Luxol se jilagħbu kontra ASD Pescara tal-Italja, FC Encamp ta' Andorra u JB Futsal Gentpfte tad-Danimarka.

Il-logħob kollu se jintlagħab fil-Kumpless ta' ASD Pescara, fl-Italja. B'kollox f'dan ir-rawnd preliminari, li l-logħob tiegħu se jintlagħab bejn id-29 ta' Settembru u l-5 ta' Otturbu, hemm 32 tim maqsuma fi tmien gruppi.

Min jirbaħ il-grupp jgħaddi għall-fażi tal-gruppi. Jekk Luxol jirbħu l-grupp tagħhom fit-tieni fażi jiffurmaw parti minn Grupp 3 li jinkludi lil FC Lokomotiv Kharkiv tal-Ukrajna, Targu Mures tar-Rumanija u r-rebbieħ tal-Grupp preliminari E, iffurmat minn Hamburg tal-Ġermanja, Flamurtari tal-Albanija, Vikingur tal-Islanda u FC Differange tal-Lussemburgu.



# Malta tirbaħ midalja tal-bronż fil-Logħob tal-FISEC

It-tim Malti tal-futbol rebaħ il-midalja tal-bronż waqt il-Logħob tal-FISEC li sar f'Malta matul dan ix-xahar.

It-tim Malta A rebaħ lil Malta B 1-0 b'goal ta' Malcolm Vella Vidal fil-final għat-tielet post. Minkejja li spiċċa fit-tielet post, dan it-tim ma tilef l-ebda logħba.

Il-Brażil rebħu l-midalja tad-deheb wara li fil-final għelbu 4-1 bil-penalties lill-Gran Britannja wara skor ta' 0-0 fil-ħin regolamentari.

Dan it-tournament kien esperjenza internazzjonali utli għaż-żgħażagħ Maltin li ħadu sehem.

# L-ewwel Partita fil-UEFA Europa League għar-Referi Internazzjonali Adrian Azzopardi



Adrian Azzopardi ddebutta fil-UEFA Europa League, fit-2 ta' Lulju 2015, ġewwa d-Danimarka wara li fil-bidu ta' din is-sena nħatar bħala referi internazzjonali ġdid fuq il-Panel tal-FIFA.

Huwa kien appuntat mill-UEFA sabiex jikkontrolla l-Ewwel Leg mill-Ewwel Rawnd ta' Kwalifikazzjoni bejn Brondby IF u AC Juvenes/ Dogana (San Marino) ġewwa l-Brondby Stadion, f'Copenhagen. Il-partita kienet dominata u mirbuħa mid-Daniżi bl-skor kbir ta' 9-0.

Adrian Azzopardi kien assistit mill-assistent referi fuq il-Panel tal-FIFA Roberto Vella, l-Elite Assistant Referee Christopher Francalanza u l-Elite Referee Fyodor fl-irwol ta' raba' uffiċjal.

L-UEFA ħatret lit-Tork Muharrem Zihni Aksoy sabiex jassessja l-wirja tal-uffiċjali Maltin filwaqt li l-Finlandiż Eija Vahala kien id-delegat tal-partita.

# Alan Mario Sant jirreffja fil-UEFA Champions League




Ir-referi internazzjonali, Alan Mario Sant, ġie appuntat mill-UEFA sabiex jirreffja l-ewwel leg tat-tieni rawnd ta' kwalifikazzjoni tac-Champions League ġewwa d-Danimarka bejn FC Midtylland u t-tim minn Gibiltà, Lincoln Red Imps FC, li ntlagħbet ġewwa l-MCH Arena f'Herning u spiċċat f'rebħa minima ta' 1-0 għat-tim Daniż.

Alan Mario Sant kien megħjun mill-assistenti referis internazzjonali Mitchell Scerri u William Debattista, filwaqt li Andrè Arciola kien ir-raba' uffiċjal.

Għal dan il-konfront, il-UEFA appuntat lil Glyfi Thor Orrason mill-Islanda bħala l-osservatur tar-referis u lill-Iskoċċiz Alan McRae bħala d-Delegat tal-partita.

# Marco Borg u Esther Azzopardi

## jirreffjaw partiti mill-World University Games ġewwa Gwangju, fil-Korea t'Isfel

Id-Dipartiment tar-Refereeing tal-MFA f'kollaborazzjoni ma' dak Irlandiż, irnexxielu joffri opportunità mill-isbaħ lir-referis internazzjonali, Marco Borg u Esther Azzopardi, permezz ta' parteċipazzjoni fit-28 edizzjoni tal-World University Summer Games ġewwa Gwangju, fil-Korea t'Isfel.

Filwaqt li Marco Borg kien wieħed minn 15-il referi li rreffjaw fit-tournament tal-futbol maskili, Esther Azzopardi kienet waħda minn 13-il referi femminili li rreffjaw fit-tournament tan-nisa. Ta' min jirrimarka wkoll li din kienet l-ewwel darba li referis Maltin kienu impenjati f'dawn il-kampjonati mondjali, li b'kollox ipparteċipaw fihom madwar 13,000 atleta minn 149 pajjiż.

L-ewwel partita kkontrollata minn Marco Borg kienet waħda ferm mistennija bejn il-Ġappun u l-Brazil (1-0), nhar il-5 ta' Lulju, ġewwa l-Yeonggwang Stadium. Huwa kien assistit minn assistenti referis u raba' uffiċjal mill-Korea t'Isfel - Kim Tae Yang, Ahn Sang Yun u Kim Heegon rispettivament.

It-tieni partita li kkontrolla Marco Borg kienet bejn Chinese Taipei u ċ-Ċina (1-2) ġewwa l-Yeonggwang Stadium, fid-9 ta' Lulju. L-assistenti referis kienu l-Koreani Ji Sel Gil u Jang Soon Taek bir-raba' uffiċjal ikun ir-referi internazzjonali Taljan Davide Massa.

Il-prestazzjonijiet mill-aqwa li kellu Marco Borg wasslu lill-organizzaturi sabiex jappuntawh għas-semi finali bejn il-Korea t'Isfel u l-Brażil (2-0) ġewwa l-Yeonggwang Stadium, fil-11 ta' Lulju. Il-Koreani Ji Se Gil u Ju Chang Soo kienu l-assistenti referis filwaqt li Bijan Heidari mill-Iran kien ir-raba' uffiċjal.

Din kienet partita missielta ferm, li fiha Marco Borg wera xejn anqas minn ħames karti sofor u keċċa plejer Brażiljan għal kondotta vjolenti.

Apparti l-impenji tiegħu bħala referi, huwa kien ukoll ir-raba' uffiċjal fil-partiti Ġappun-Iran (2-1) ikkontrollata mit-Taljan Davide Massa, Brazil-Iran (5-2) ikkontrollata mill-Messikan Santander Aguirre, Kanada-Iran (1-1; 4-1 wara l-penalties) ikkontrollata miċ-Ċiniż Tan Hai u Repubblika Irlandiża-Afrika t'Isfel (3-1) ikkontrollata mill-Kanadiż Thomas Drew Fischer.

Mill-kamp femminili, Esther Azzopardi rreffjat l-ewwel partita tagħha fl-4 ta' Lulju ġewwa l-Boseong Stadium, fejn il-Ġappun għelbu lill-Kolombja bl-iskor ta' 14-0. L-assistenti referis kienu ż-żewġ Koreani Jung Eun Jin u Woo Ye Ram filwaqt li Maria Gonzalez Martinez mill-Messiku kienet ir-raba' uffiċjal.

Fit-8 ta' Lulju, Esther Azzopardi ikkontrollat il-partita bejn Chinese Taipei u l-Afrika t'Isfel (3-0) assistita mill-Koreani Lee I Seul u Woo Ye Ram, filwaqt li Olga Zadinova mir-Repubblika Ċeka kienet ir-raba' uffiċjal.

Nhar it-2 ta' Lulju, Esther Azzopardi kienet ir-raba' uffiċjal fil-partita inawgurali minn Grupp B bejn il-Ġappun u r-Russja (0-0), ikkontrollata minn Akhona Zennith Makalima mill-Afrika t'Isfel, filwaqt li Kim Hye Rim u Song Chun Ja mill-Korea t'Isfel kienu ż-żewġ assistenti referis.

Fit-6 ta' Lulju, Esther Azzopardi kienet ukoll ir-raba' uffiċjal fil-partita akkanita bejn ir-rivali kalċistiki, Kanada u Stati Uniti (2-0) ġewwa l-Boseong Stadium. Anastasia Pustvoytova mir-Russja kienet ir-referi ta' din il-partita, filwaqt li Son Chun Ja u Kim Hye Rim kienu qegħdin jirrappreżentaw il-pajjiż tal-Korea t'Isfel fl-irwoli ta' assistenti referis.

Kemm Marco Borg kif ukoll Esther Azzopardi kellhom kliem ta' sodisfazzjon għall-parteċipazzjoni tagħhom f'dawn il-Kampjonati Mondjali għall-Universitajiet.

Marco Borg stqarr li: "ma ninsa qatt din l-esperjenza indimentikabbli, speċjalment l-unur li ġejt magħżul minn fost 15-il referi internazzjonali sabiex nidderieġi waħda miż-żewġ semi-finali bejn żewġ timijiet ta' kalibru għoli f'dan it-tournament".

Esther Azzopardi stqarret li "din kienet esperjenza unika għalija, fejn il-livell ta' futbol milgħub min-nisa kien verament wieħed għoli ħafna u għalhekk għamilt ħilti sabiex inkun fl-aħjar tiegħi kemm fiżikament kif ukoll fl-interpretazzjoni tar-regolamenti tal-logħba."


심판사무실
Referee Room
UNIVERSIADE
GWANGJU
2015




# Jude Amin Utulu
## jirreffja l-Beach Soccer fl-ewwel edizzjoni tal-Europeaaan Games ġewwa Baku









Jude Amin Utulu kompla jikkonferma l potenzjal tiegħu bħala wieħed mill-aħjar referis internazzjonali tal-Beach Soccer bil-parteċipazzjoni tiegħu fl-ewwel edizzjoni tal-European Games ġewwa Baku, l-Azerbaijan.

Fit-tournament tal-Beach Soccer li sar, bejn l-24 u it-28 ta' Ġunju, ipparteċipaw tmien pajjiżi li kienu mqassma f'żewġ gruppi, bl-ewwel żewġ timijiet ta' kull grupp javvanzaw għas-semi finali u eventwalment għall-finali.

Nhar l-24 ta' Ġunju, Jude Amin Utulu fetaħ l-impenji tiegħu bħala timekeeper fil-partita inawgurali minn Grupp B bejn Spanja u Italja (1-1; 3-1 wara l-penalties). Fil-logħba sussegwenti bejn l-Ungerija u r-Russja (3-5) huwa kien maħtur bħala t-tielet referi.

Fil-25 ta' Ġunju, Jude Amin Utulu kien l-ewwel referi fil-partita bejn il-Portugall u l-Ukrajna (5-4 wara l-ħin barrani) minn Grupp A. L-għada kien it-tieni referi fil-partita min Grupp B bejn l-Isvizzera u l-Ukrajna (5-4).

Fis-27 ta' Ġunju wasal l-aktar appointment prestiġjuż għal Jude Amin Utulu bħala l-ewwel referi fit-tieni semi finali bejn il-Portugall u r-Russja (1-2) biex l-għada huwa kien it-timekeeper fil-partita biex jiġi deċiż il-ħames post bejn l-Ukrajna u Spanja (3-6).

Jude għalaq l-impenji tiegħu bil-finali bejn l-Italja u r-Russja (2-3) fejn huwa kien it-tielet referi mal-Franċiż Sofien Benchabane u l-Portugiż Antonio Pereira, filwaqt li t-timekeeper kien Ingilab Mammadov mill Azerbaijan.

Dan is-suċċess ta' Jude Amin Utulu jsegwi l-parteċipazzjoni fil-Euro Winners Cup ġewwa Katanja, Sqallija, bejn it-2 u s-7 ta' Ġunju, fejn kellu s-sodisfazzjon jirreffja l-finali bejn ir-Russi BSC Kristall u l-Isqallin DomusBet BS Catania (6-2).

# Delegat u Referee Observer Maltin f'Finali tal-UEFA



Il-UEFA appuntat lill-viċi-president tal-MFA, Ludovico Micallef, bħala d-Delegat tal-UEFA. Flimkien miegħu appuntat ukoll lill-eks referi internazzjonali Victor Mintoff fejn dawn saru l-ewwel delegat u referee observer Maltin li ġew appuntati għal partita finali f'kompetizzjoni organizzata mill-UEFA.

Ludovico Micallef u Victor Mintoff kienu d-delegat u l-osservatur tar-referis għall-finali tar-Regions' Cup bejn Eastern Region (Repubblika Irlandiża) u Zagreb Region (Kroazja), partita li ġiet mirbuħa minn tal-ewwel bl-skor ta' 1-0. Il-finali kienet milgħuba ġewwa t-Tallaght Stadium, f'Dublin, nhar l-4 ta' Lulju, 2015.

L-uffiċjali għal din il-finali kienu r-referi Svizzeru Nikolaj Hanni, l-assistenti referis Rien Vanyzere mill-Belġju u Danijel Devic mill-Montenegro, u r-Raba' Uffiċjal Dzianis Scharbakou mill-Belarus.

Ir-reazzjoni ta' Victor Mintoff għal dan l-inkarigu kienet waħda ta' sodisfazzjon kbir: "Kuntent ħafna kemm għalija personali u anki għad-Dipartiment tar-Referis tal-MFA. Huwa mument li se jibqa' fil-quċċata tal-karriera tiegħi għal tul ta' żmien għaliex hija esperjenza unika."

# Adrian Casha mistieden għal seminar tar-referis ġewwa l-Lussemburgu

Id-Direttur tar-Refereeing tal-MFA Adrian Casha kien wieħed minn ħames lecturers barranin li ħadu sehem waqt seminar ta' tlett ijiem li sar, bejn is-26 u t-28 ta' Ġunju, ġewwa ċ-Ċentru Culturel et Sportif La Coque, il-Lussemburgu, għall-uffiċjali tal-Ogħla Kategorija ta' dan il-pajjiż, inkluż dawk li qegħdin fuq il-Panel tal-FIFA.

L-istedina lil Adrian Casha saret minn Charles Schaack, viċi-president tal-Federazzjoni tal-Lussemburgu u Chairman tal-Kumitat tar-Referis f'dan il-pajjiż.

F'diskors tiegħu Charles Schaack irrefera għar-relazzjoni mill-qrib li hemm bejn id-Dipartimenti tar-Refereeing taż-żewġ pajjiżi u faħħar il-kontribut ta' Adrian Casha bħala kowċ maħtur mill-UEFA tar-referi internazzjonali mil-Lussemburgu Laurent Kopriwa fl-istaġun 2012/2013.

Charles Schaack kellu wkoll kliem ta' tifħir għar-referis internazzjonali Maltin, Marco Borg u Alan Mario Sant, li aktar kmieni din is-sena kkontrollaw partiti f'dan il-pajjiż. Huwa żied jgħid li normalment il-media lokali tikritika bl-aħrax lir-referis, imma fil-każ tar-referis Maltin il-kummenti kienu kollha pożittivi u dan jagħmilha aktar faċli li jitkompla l-programm ta' skambju tar-referis bejn iż-żewġ pajjiżi.

Fost il-lecturers barranin mistiedna għal dan is-seminar bħala preparazzjoni għall-istaħun 2015/16 kien hemm l-eks referi internazzjonali Ġermaniż Herbert Fandel, li huwa wkoll membru fil-Kumitat tar-Referis tal-UEFA. It-tliet lecturers barranin l-oħra kienu mill-Belġju, Franza u l-Isvizzera.



Ritratti: Christine Borg

# Hibernians jisfaxxaw wara riżultat prestiġjuż




*Rui Gomes da Gracia fl-azzjoni għal Hibernians kontra Maccabi*

Hibernians sfaw eliminati mill-UEFA Champions League meta fit-tieni round preliminari tilfu b'aggregate ta' 6-3 kontra Maccabi Tel Aviv.

Iżda fl-ewwel round il-Pawlsti rreġistraw rebħa mill-aktar prestiġjuża ta' 2-1 kontra team li matul l-istaġun li għadda rebaħ it-Treble domestiku.

Kienu Maccabi Tel-Aviv li ħolqu l-ewwel azzjoni perikoluża meta wara biss sitt minuti, Gli Naftali Vermouth ra lil Jurgen Borg, li matul dan l-istaġun mistenni jkun il-goalkeeper numru wieħed ta' Hibernians, idawwar f'corner bi bravura.

Hibernians rrispondew erba' minuti biss wara permezz tal-akkwist il-ġdid mingħand Naxxar Lions, Gilmar da Silva Ribeiro, li iżda ra x-xutt tiegħu minn ġol-kaxxa jgħaddi ftit għoli.

Il-Pawlisti komplew joħolqu l-periklu u fl-20 minuta Jorge Pereira da Silva kellu x-xutt tiegħu jgħaddi ċentimetri barra mil-lasti tal-goalkeeper ta' Maccabi Tel-Aviv.

Iżda l-Iżraeliti rreaġixxew ferm tajjeb u żewġ minuti biss wara rnexxielhom jifthu l-iskor meta Tal Ben Haim għadda assist lejn Emmanuel Igiebor Nosakhare li mill-viċin tefa' l-ballun wara l-goalkeeper ta' Hibernians, Jurgen Borg.

Fis-27 minuta, Eden Ben Basat resaq viċin li jirdoppja għall-Iżraeliti, iżda ra t-tentattiv tiegħu minn ġol-kaxxa jiġi mdawwar bi bravura f'corner għal darb'oħra minnn Jurgen Borg.

Fit-tieni taqsima, kienu Hibernians li holqu l-ewwel azzjoni perikoluża meta fil-51 minuta Jorge Pereira da Silva kellu x-xutt tiegħu mdawwar f'corner b'abbiltà minn Juan Pablo Colinas Ferreras. Il-Pawlisti bdew juru l-aħjar logħob f'din it-tieni taqsima u ta' dan ġew ippremjati.

Dan hekk kif fl-74 minuta Jackson Lima għadda lejn Jorge Pereira Da Silva li daħal bhall-vleġġa u permezz ta' daqqa ta' ras tajba tefa' ġewwa, għall-briju enormi tal-mijiet ta' partitarji ta' Hibernians preżenti fil-Hibernians



*Il-formazzjoni ta' Hibernians*



*Il-formazzjoni ta' Maccabi Tel-Aviv*

Stadium, f'Kordin.

Fil-85 minuta, Hibernians skorjaw il-goal li kellu jkun dak tar-rebħa meta minn freekick tal-captain Andrew Cohen, għola tajjeb Jackson Lima Sequeira li bir-ras tefa' fir-rokna tax-xibka, bil-goalkeeper avversarju ma jagħmilx moviment.

Fit-tieni leg li ntlagħab fi Bloomfield Stadium, Hibernias sfaw megħluba bl-iskor ta' 5-1 ... fejn sfaxxaw proprju wara li kisbu l-goal tad-draw u li sa dak il-ħin kellhom il-kwalifikazzjoni f'idejhom.

Iżda minkejja dan l-iskor, il-goalkeeper Jurgen Borg għamel partita kbira fejn salva diversi saves detrimentali.

Maccabi Tel Aviv fetħu l-iskor fit-32 minuta, meta minn freekick fuq ix-xellug mogħti minn Eran Zahavi, kien Jorge Pereira li f'tentattiv biex jikklerja xeħet il-ballun fil-lasta tiegħu stess.

Fit-52 minuta, Hibernians irnexxielhom jiksbu d-draw meta corner mogħti minn Gilmar, Rodolof Soares kien pront daħal fil-kaxxa u mill-viċin xeħet il-ballun fix-xibka.

Sitt minuti wara, Rodolfo Soares waqqa' lil Tal Ben Haim II fil-kaxxa, bir-referee jordna penalty biex mill-11-il metru Eran Zahavi ma żbaljax.

Fil-61 minuta, Maccabi Tel Aviv skorjaw it-tielet goal, meta Tal Ben Haim II avvanza fuq ix-xellug, iddribbilja lill-goalkeeper Borg u xeħet il-ballun f'lasta vojta.

Hibernians ppressaw biex inaqqsu l-iskor u fis-67 minuta freekick mogħti minn fuq ix-xellug, Andrew Cohen bir-ras laqat il-mimduda.

Fit-82 minuta, Maccabi kabbru l-vantaġġ meta minn feekick mogħti minn Eran Zahavi ġie salvat parzjalment mill-goalkeeper Pawlist Jurgen Borg u minn azzjoni ta' rebound, il-ballun wasal għand l-attakkant Nosa Emanuel Igiebor biex mill-viċin ma żbaljax.

Fil ħin miżjud, Eran Zahavi ssiġġilla r-rebħa għal skor finali ta' 5-1.

**I Leg**

**14.07.2015 - 20.00 hrs**

**Hibernians** 2
J. P. da Silva 74, J. L. Sequeira 85

**Maccabi Tel Aviv** 1
N. Igiebar 22

HT 0-1 **Hibernians Stadium**

**Hibernians** – 12-Jurgen Borg, 5-Rui Gomes da Gracia, 20-Andrei Agius, 7-Jackson Lima Sequeira, 8-Rodolfo Soares, 11-Bjorn Kristensen, 13-Clayton Failla, 9-Marcelo Dias, 11-Andrew Cohen (19-Johann Bezzina 92), 23-Jorge Pereira da Silva (22-Joseph Mbong 94), 31-Gilmar Ribeiro da Silva (32-Jorge Santos Silva 64)

*Coach* – Branko Nisevic

**Maccabi** – 25-Juan Pablo, 18-Eytan Tibi, 26 Tal Ben Haim I, 31-Carlos Garcia, 6-Gal Albermann, 15-Miha Dor, 24-Nikola Mitrovic (20-Ben Harush 46) 28-Gil Vermouth (10-Barak Itzhaki 59), 40 Nosa Igiebar, 11-Tal Ben Haim II, 99-Eden Ben Basat

*Coach* – Slavisa Jokanovic

Referee – Sergei Lapochkin (Russja)

Assistenti – Nikolai Golubev, Aleksei Lebedev (Russja)

Raba' Uff. – Igor Fedotov (Russja)

Ammoniti –J. L. Sequeira, B. Kristensen M. Dias (H); B. Harush, E. Basat, M. Dor (M)

**II Leg**

**21.07.2015 - 20.30 hrs**

**Maccabi Tel Aviv** 5
Jorginho 32 og, Zahavi 58 pen, 90, T. Ben Haim II 61, N. Igiebor 82

**Hibernians** 1
R. Soares 52

HT 1-0 **Bloomfield Stadium, Tel Aviv**

**Maccabi** – 25-Juan Pablo, 3-Yuval Shpungin, 20-Omri Ben Harush (Yoav Ziv 62), 26-Tal Ben Haim I, 31-Carlos Garcia, 6-Gal Alberman, 7-Eran Zahavi, 15-Dor Miha (99-Eden Ben Basat 86), 24-Nikola Mitrovic, 40-Nosa Igiebor, 11-Tal Ben Haim II.

*Coach* – Slavisa Jokanovic

**Hibernians** – 12-Jurgen Borg, 5-Rui da Garcia, 20-Andrei Agius, 7-Jackson Lima Sequeiro, 8-Rodolfo Soares, 11-Bjorn Kristensen, 13-Clayton Failla, 9-Marcelo Dias (22-Joseph Mbong 88), 10-Andrew Cohen (C); 23-Jorge Pereira da Silva, 31-Gilmar Ribeiro da Silva (32-Jorge Santos Silva 63)

*Coach* – Branko Nisevic

Referee – Andris Treimanis (Latvja)

Assistenti – Haralds Gudermanis, Aleksejs Spasjonnikovs (Latvja)

Raba' Uff. – Aleksandrs Golubevs (Latvja)

Ammoniti – C. Garcia, T. Ben Haim II, E. Ben Basat (M); J. Borg, B. Kristensen, Gilmar, R. Soares, A. Cohen (H)

*Aggregate*: Maccabi 6-3



*Jackson Lima Sequeira jiskorja t-tieni goal għal Hibernians kontra Maccabi Tel Aviv*

Ritratti: Tonio Magro



*Il-formazzjoni inizjali ta' Birkirkara*

# Birkirkara jissuperaw lil FC Ulisses

Birkirkara rnexxielhom jikkwalifikaw għat-tieni round preliminari tal-UEFA Europa League meta għelbu lil FC Ulisses tal-Armenja, b'aggregate ta' 3-1.



*Il-formazzjoni inizjali ta' FC Ulisses*

L-ewwel leg intlagħab, f'pajjiżna, fil-Hibernians Stadium bir-riżultat ikun dak ta' 0-0.

Għat-team minn Birkirkara, flimkien mal-coach Giovanni Tedesco kienu bosta players li għamlu d-debutt ma' Birkirkara, fosthom il-player famuż Taljan Fabrizio Miccoli li ingħata ov-vazzjoni meta daħal bħala sostitut.

L-ewwel azzjoni waslet wara ħames minuti logħob mit-team Armen, meta tentattiv ta' David Khurtsidze għadda ftit għoli. Ir-reazzjoni ta' Birkirkara waslet fil-11-il minuta meta minn fuq il-lemin, cross shot ta' Rowen Muscat lejn in-nofs ġie nnewtralizzat mill-goalkeeper Armen Arsen Beglaryan.

Seba' minuti wara, kien il-goalkeeper Beglaryan li ħareġ jikklerja l-ballun minn barra l-kaxxa fejn antiċipa lil Vito Plut qabel l-attakkant Karkarkiż



Rowen Muscat (Birkirkara) segwit minn Irakliy Geperidze (FC Ulisses)



Ryan Camenzuli (B'Kara) jogħla bir-ras ma' David Khurtsidze (FC Ulisses)

seta' jagħmel xi forma ta' ħsara.

Fid-29 minuta, Ryan Camenzuli pprova xortih iżda x-xutt minn barra l-kaxxa spiċċa ferm għoli.

Minuta qabel tmiem l-ewwel taqsima, Paul Fenech xeħet freekick insidjuż, li iżda, minn qagħda ideali Mauricio Mazzetti naqas li jikkonkludi bir-ras minn taħt il-lasta.

Fl-azzjoni sussegwenti, l-istess goalkeeper Armen rnexxielu jantiċipa lil Ellinton Morais biex mir-rebound Rowen Muscat ipprova jillobja l-ballun iżda l-konklużjoni kienet kompletament żbaljata.

Mal-ftuħ tat-tieni taqsima, tentattiv quddiem il-lasta minn David Khurtsidze spiċċa għoli. Fis-60 minuta Ryan Camenzuli qassam lejn Vito Plut iżda x-xutt fil-baxx għadda ftit barra.

L-aktar azzjoni perikoluża ta' Birkirkara waslet, fis-66 minuta, meta Edin Murga xeħet lejn Ellinton Morais iżda x-xutt dijagonali ġie mdawwar f'corner mill-goalkeeper Beglaryan.

Fit-72 minuta, wasal id-debutt ta' Fabrizio Miccoli fost applaws enormi tal-partitarji Karkariżi u kien proprju minn corner ta' Miccoli, li l-goalkeeper Armen, Arsen Begdaryan, salva parzjalment fuq tentattiv ta' Paul Fenech.

Minkejja li Birkirkara baqgħu jippressaw biex jiksbu r-rebħa, huma ma setgħux jsibu t-triq lejn ix-xibka avversarja.

It-tieni leg intlagħab, f'Yerevan, fejn il-Karkariżi ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 3-1 għall-aggregate tal-istess skor.

Birkirkara fetħu l-iskor fil-21 minuta minn Fabrizio Miccoli wara nuqqas ta' ftehim bejn il-goalkeeper u d-difensur avversarji.

Imbagħad minuta qabel tmiem l-ewwel taqsima l-Istripes irdoppjaw minn daqqa ta' ras ta' Mauricio Mazzetti minn azzjoni ta' freekick.

L-Armeni naqqsu d-distakk fil-71 minuta minn Konstantin Morozov filwaqt li Birkirkara ssiġillaw ir-rebħa fit-80 minuta minn penalty skorjat minn Paul Fenech wara li Vito Plut ġie mwaqqa' fil-kaxxa.

Iż-żewġ timijiet kellhom player imkeċċi kull wieħed - Terence Vella (76) għal Birkirkara u Artak Aleksanyan (81) għal FC Ulisses.



Paul Fenech (Birkirkara) jattakka lil Artak Aleksanyan (FC Ulisses)

**I Leg**

**02.07.2015 - 20.45 hrs**

| | |
|---|---|
| Birkirkara | 0 |
| FC Ulisses | 0 |

**Hibernians Stadium**

**Birkirkara** – 16-Justin Haber (12-Ini Akpan 37), 5-Mauricio Mazzetti, 6-Paul Fenech, 7-Ryan Camenzuli, 8-Edmond Agius (10-Fabrizio Miccoli 72), 11-Vito Plut (17-Edin Murga 65), 15-Nicola Vukanac, 18-Ellinton Morais, 19-Joseph Zerafa, 22-Zach Muscat, 24-Rowen Muscat

*Coach* – Giovanni Tedesco

**Ulisses** – 1-Arsen Beglaryan, 3-Irakli Chezhiya, 8- David Khurtsidze, 13- Irakliy Geperidze (84- Rustem Kalimullin 84), 17- Nika Piliev (10- Joel Tshibamba 62), 19- Artak Aleksanyan, 23- Ivan Mamakhanov, 26- Rade Dugalic , 66- Konstantin Morozov, 88- Levan Dzharkava, 99- Giorgi Khubua (21-Andrey Belomyttsev 78)

*Coach* – Suren Chakhalyan

**Referee** – Erez Papir (Iżrael)

**Assistenti** – Nissan Davidy u Dvir Shimon (Iżrael)

**Raba' Uff.** – Liran Wachsberger (Iżrael)

**Ammoniti** – P. Fenech (B); I. Chezhiya, I. Geperidze, R. Dugalic, I. Mamakhanov (U)

**II Leg**

**09.07.2015 - 18.00 hrs**

| | |
|---|---|
| FC Ulisses | 1 |
| K. Morozov 71 | |
| Birkirkara | 3 |
| F. Miccoli 21, M. Mazzetti 44, P. Fenech 80 pen | |

HT 0-2 **Vazgan Sargsyan Stadium**

**Ulisses** – 1-Arsen Beglaryan, 7-Igor Paderin, 8-David Khurtsidze, 10-Joel Tshibamba (17-Nika Piliev 53), 13-Irakliy Geperidze, 19-Artak Aleksanyan, 23-Ivan Mamakhanov, 26-Rade Dugalic, 66-Konstantin Morozov, 88-Levan Dzharkava (Zamir Dzhanashiya 70), 99-Giorgi Khubua

*Coach* – Suren Chakhalyan

**Birkirkara** – 12-Ini Akpan, 5-Mauricio Mazzetti, 6-Paul Fenech, 7-Ryan Camenzuli, 10-Fabrizio Miccoli (8-Edmond Agius 65), 15-Nicola Vukanac, 17-Edin Murga (Terence Vella 71), 18-Ellinton Morais (Vito Plut 68), 19-Joseph Zerafa, 22-Zach Muscat, 24-Rowen Muscat

*Coach* – Giovanni Tedesco

**Referee** – Nicolas Laforge (Belġju)

**Assistenti** – Laurent Conotte, Danny Huens (Belġju)

**Raba' Uff.** – Laurent Colemonts (Belġju)

**Ammoniti** – M. Mazzetti, P. Fenech (B); I. Mamakhanov, Z. Dzhanashiya, N. Piliev (U)

**Tkeċċew** – T. Vella 76 (B); A. Aleksanyan 81 (U)

*Aggregate*: Birkirkara 3-1

 Ritratti: Christine Borg




*Jason Oswell jiċċelebra wara li fetaħ l-iskor għal Newtown kontra Valletta*

# Valletta jonqsu milli jikkwalifikaw

Dak li seta' deher konfront kemmxejn faċli għal Valletta spiċċa f'diżappunt meta sfaw eliminati mill-ewwel round preliminari tal-UEFA Europa League meta sfaw megħluba minn Newtown AFC b'aggregate ta' 4-2 b'dawn tal-aħħar jirbħu ż-żewġ legs bl-iskor identiku ta' 2-1.

Fl-ewwel leg li ntlagħab f'Latham Park, fi Newtown, kienet tassew sfortuna għall-Beltin li sofrew din it-telfa fil-ħin miżjud li għal ħinijiet twal kienu aħjar mill-avversarji minkejja li kellhom neqsin lit-tliet players, Roderick Briffa, Jonathan Caruana u Shaun Bajada. Barra minn hekk huma spiċċaw jilagħbu b'10 players meta tkeċċa Ian Azzopardi (85) għal żewġ karti sofor.

It-team minn Wales fetaħ l-iskor fl-40 minuta minn Luke Boundford li kompla għal ġewwa minn azzjoni ta' freekick. Kwarta mit-tmiem Jhonnattann kiseb id-draw għall-Beltin minn daqqa ta' ras. Iżda kien Jason Oswell (91) li ta r-rebħa lil Newtown wara t-tkeċċija ta' Ian Azzopardi.

Għat-tieni leg kien hemm stennija kbira fost il-partitarji Beltin minħabba li rebħa minima ta' 1-0 kienet tarahom jaqtgħu l-passaġġ għat-tieni round preliminari.

Iżda ma kellux ikun minħabba li t-team minn Wales ħareġ rebbieħ bl-iskor ta' 2-1.

Kienu għaddew biss seba' minuti meta Newtown irnexxielhom isibu x-xibka mal-ewwel azzjoni perikoluża li ħolqu meta minn cross tajjeb ta' Matthew Lee Pen, il-goalkeeper ta' Valletta, Nicholas Vella, ħareġ ħażin, bil-ballun jispiċċa għand Jason Oswell li mill-viċin tefa' ġewwa biex fetaħ l-iskor għal Newtown AFC.

Valletta għamlu l-intenzjonijet tagħhom ċari fil-ftuħ tat-tieni taqsima biex fis-46



*Il-formazzjoni inizjali ta' Newtown AFC*



*Il-formazzjoni inizjali ta' Valletta*



*Jason Oswell jiftaħ l-iskor għal Newtown kontra Valletta*

| I Leg | |
|---|---|
| **02.07.2015 - 21.00 hrs** | |
| Newtown AFC | 2 |
| L. Boundford 40, J. Oswell 91 | |
| Valletta | 1 |
| Jhonnattann 73 | |
| HT 1-0 **Latham Park, Newtown** | |

**Newtown** – 1-David Jones, 3-Steffan Edwards, 4-Matty Owen (18-Sean Evans 78), 5-Kie¬ren Mills-Evans, 6-Shane Sutton (16-Gavin Cadwallader 93), 7-Matthew Hearsey, 9-Luke Boundford, 10-Jason Oswell, 11-Neil Mitchell (15-Jamie Price 70), 19-Craig Williams, 20-Tom Goodwin

*Coach* – Chris Hughes

**Valletta** – 28-Nicky Vella, 3-Ian Azzopardi, 5-Ryan Camilleri, 6-Dyson Falzon, 8-Uchenna Umeh (14-Jhonnattann 62), 11-Luke Montebello, 13-Claudio Pani, 15-Juan Cruz Gill (17-Jean Pierre Mifsud Triganza 54), 21-Llywelyn Cremona, 29-Maxim Fosca, 30-Abdelkarim Nafti (20-Daniel Camilleri 87)

*Coach* – Paul Zammit

Referee – Vladimir Vnuk (Slovakkja)

Assistenti – Tomas Vorel, Peter Bollo (Slovakkja)

Raba' Uff. – Pavol Suniar (Slovakkja)

Ammoniti – L. Cremona, I. Azzopardi, J. Gill (V); T. Goodwin, N. Mitchell, C. Williams, J. Price (N)

Tkeċċa – I. Azzopardi 85 (V)

Jean Pierre Mifsud Triganza (Valletta) antiċipat minn Craig Williams (Newtown)





*Abdelkarim Nafti (Valletta) attakkat minn Steffan Edwards (Newtown)*

minuta ġabu l-iskor indaqs meta l-midfielder Roderick Briffa għadda tajjeb lejn Jhonnattann Benites, li kkrossja lejn in-nofs biex sab lid-debuttant Thierry Fidue Tazameta żmarkat li mill-viċin tefa' fix-xibka.

Fil-61 minuta, Abdelkarim Nafti ttanta xortih mill-viċin iżda ra lill-goalkeeper avversarju David Edward Jones idawwar f'corner bi bravura.

Fl-74 minuta, Valletta qalgħu daqqa ta' ħarta meta spiċċaw jilagħbu b'10 players meta tkeċċa d-difensur internazzjonali Ryan Camilleri, permezz ta' karta ħamra diretta, wara daħla kerha u inutli fuq il-player ta' Newtown, Shane Sutton.

Fit-83 minuta, Newtown rebħu penalty meta l-akkwist il-ġdid ta' Valletta Juan Cruz Gill żamm b'ċertu forza lil Jason Matthew Oswell, bir-referee Ungeriż dehrlu li kellu jipponta lejn il-penalty spot. Mill-11-il metru nkariga ruħu Matthew Owen, li iżda, ra lil Nicholas Vella jintefa' minn tulu fl-art u jsalva tajjeb minn mal-art.

Iżda lanqas kienet għaddiet biss minuta li l-istess player li falla l-penalty Matthew Owen patta għall-iżball tiegħu meta permezz ta' xutt fil baxx minn tarf il-kaxxa tefa' wara l-goalkeeper Belti, biex assigura lit-team minn Wales bil-kwalifikazzjoni.

Sekondi wara dan il-goal kien imiss lil Newtown AFC li jispiċċaw jilagħbu b'10 players meta tkeċċa għalihom il-player Matthew Cook wara li rċieva żewġ karti sofor.

| II Leg | |
|---|---|
| **09.07.2015 - 20.45 hrs** | |
| Valletta | 1 |
| T. Fidjeu 46 | |
| Newtown AFC | 2 |
| J. Oswell 7, M. Owen 85 | |
| HT 0-1 **Hibernians Stadium** | |

**Valletta** – 28-Nicky Vella, 2-Jonathan Caruana, 5-Ryan Camilleri, 6-Dyson Falzon, 9-Thierry Fidjeu (17-Jean Pierre Mifsud Triganza 84), 10-Roderick Briffa, 13-Claudio Pani, 14-Jhonnattann, 15-Juan Cruz Gill, 21-Llywelyn Cremona, 30-Abdelkarim Nafti (8-Uchenna Umeh 87)

*Coach* – Paul Zammit

**Newtown** – 1-David Jones, 3-Steffan Edwards, 4-Matty Owen (15-Jamie Price 89), 5-Kieren Mills-Evans, 6-Shane Sutton, 7-Matthew Hearsey (8-Matthew Cook 68), 9-Luke Boundford, 10-Jason Oswell, 11-Neil Mitchell (14-Gareth Partridge 88), 19-Craig Williams, 20-Tom Goodwin

*Coach* – Chris Hughes

Referee – Mihaly Fabian (Ungerija)

Assistenti – Zsolt Varga Zoltan Bozo (Ungerija)

Raba' Uff. – Zsolt Szabo (Ungerija)

Ammoniti – L. Boundford, K. Mills-Evans, D. Jones, M. Cook, G. Partridge (N); J. P. Mifsud Triganza, J. Cruz Gill, A. Nafti (V)

Tkeċċew – R. Camilleri 74 (V); M. Cook 87 (N)

*Aggregate*: Newtown 4-2

Ritratti: Roger Azzopardi

# Debutt rispettabbli



*Jasmin Bogdanovic (FK Zeljeznicar) jindirizza l-ballun bir-ras lejn il-lasta ta' Balzan*

Balzan iddebuttaw fil-kompetizzjonijiet Ewropej b'aggregate rispettabbli meta fl-ewwel round preliminari tal-UEFA Europa League huma sfaw megħluba bl-iskor ta' 3-0 minn FK Zeljeznicar tal-Bosnja.

L-ewwel leg intlagħab fil-Hibernians Stadium fejn il-Balzanin ħarġu telliefa bl-iskor ta' 2-0 bil-goals jaslu fi spazju ta' 13-il minuta.

Il-wirja tagħhom kienet waħda pożittiva għax għalkemm ma tantx ħolqu okkażjonijiet ta' skor dehru kompatti ħafna kontra team li jgawdi rispett kbir fil football Ewropew.

Balzan kellhom bosta problemi fil-formazzjoni l-aktar fl-attakk hekk kif kellhom lil Bojan Kaljevic nieqes minħabba li kien qed isofri minn injury fl-għaksa, filwaqt li Gianmarco Piccioni għalkemm għadu fuq il-kotba tat-team immexxi minn Oliver Spiteri jinsab b'self ma' club fil-Polonja.

Ta' daqqa ta' ħarta għal Balzan kien il-fatt li huma ma setgħux jutilizzaw lill-mid-fielder internazzjonali, Ryan Fenech, li huma akkwistaw mingħand Valletta minħabba li kien sospiż. Dan wara li huwa tkeċċa meta kien għadu jilgħab ma' Valletta fil-logħba ta' kwalifikazzjoni tal-UEFA Champions League kontra FK Qarabag.

Kif mistenni, FK Zeljeznicar ħarġu fuq l-offensiva u wara biss erba' minuti logħob fetħu l-iskor meta Clive Brincat waqqa' lil Jasmin Bogdanovic fil-kaxxa biex mill-11-il metru nkariga Rijad Bajic li xeħet lil Christian Cassar naħa u l-ballun n-naħa l-oħra.

U fit-13-il miniuta FK Zelejeznicar irdoppjaw permezz tal-attakkant Rijad

# oli minn Balzan FC



Taqtiegħa għall-ballun bejn Luke Sciberras (Balzan) u Rijad Bajic (FK Zeljeznicar)



Justin Grioli (Balzan) jikklerja minn fuq Zoran Kokot (FK Zeljeznicar)

Bajic, li wara azzjoni tajba, minn ġol kaxxa tefa' l ballun wara Christian Cassar biex b'hekk irreġistra doppjetta personali.

Fil-41 minuta, il-Bosnijaċi reġgħu ħolqu l-periklu, din id-darba permezz ta' Ognjen Djelmic, li ttanta xortih permezz ta' xutt fil-baxx iżda ra lil Christian Cassar idawwar tajjeb f'corner.

It-tieni taqsima kienet ferm fqira mill-azzjonijiet, fejn il-logħob kien wisq konċentrat f'nofs il-ground biex iż-żewġ goalkeepers rispettivi ma kellhomx xutt denja ta' nota ndirizzat lejhom.

Fit-tieni leg, li ntlagħab fil-belt ta' Zeljeznicar, Balzan ħarġu telliefa bl-iskor ta' 1-0, li iżda, ħarġu b'rashom mgħollija għal dan l-iskor minimu kontra wieħed mill-aqwa timijiet fil-Kampjonat Bosnjan.

Fl-ewwel taqsima Zeljeznicar kellhom iktar ċansijiet meta Beganovic falla l-mira u Josip Kvesic u Zoran Kokot kellhom xuttijiet imblokkati b'dan tal-aħħar l-iktar li jmur viċin.

Fis-26 minuta, Il-goal-keeper Valerio Senatore salva f'corner u Zoran Kokot falla l-mira bl-aħjar ċans ta' Balzan jasal minn Edison Bilbao fil-35 minuta biex tliet minuti wara kien Kokot li ttanta xortih għal Zeleznicar.

Meta daru ż-żewġ timijiet ħolqu bosta ċansijiet iżda fit-68 minuta kien Damir Sadikovic li skorja l-uniku goal tal-logħba erba' minuti wara li daħal bħala sostitut.

**I Leg**

**30.06.2015 - 17.45 hrs**

**Balzan** 0

**FK Zeljeznicar** 2
R. Bajic 4 pen, 13

HT 0-2 **Hibernians Stadium**

**Balzan** – 1-Christian Cassar, 4-Justin Grioli, 7-Lydon Micallef (88-Sean Cipriott 90), 8-Edison David Bilbao Zarate, 10-Dylan Grima (18-Ryan Darmanin 84), 11-Steve Bezzina, 15-Luke Sciberras (5-Samir Arab 77), 16-Clive Brincat, 20-Terence Agius, 23-Elkin Orlando Serrano Valero, 50-Ice Cream Osa Guobadia
*Coach* – Oliver Spiteri
**Zeljeznicar** – 1-Marijan Antolovic, 3-Josip Kvesic, 5-Aleksandar Kosoric, 11-Jovan Blagojevic, 15-Ognjen Djelmic, 17-Ivan Livaja, 22-Jasmin Bogdanovic, 34-Zoran Kokot (7-Secouba Diatta 84), 8-Rijad Bajic, 18-Amir Hadziahmetovic (19-Enis Sadikovic 76), 21-Dzenis Beganovic (20-Damir Sadikovic 56)
*Coach* – Milomir Odovic
**Referee** – Dennis Antamo (Finlandja)
**Assistenti** – Mikko Alakare, Jukka Honkanen (Finlandja)
**Raba' Uff.** – Antti Munukka (Finlandja)
**Ammoniti** – T. Agius, J. Grioli, C. Brincat, E. O. Serrano Valero, E. D. Bilbao Zarate (B); D. Sadikovic (Z)

**II Leg**

**09.07.2015 - 21.15 hrs**

**FK Zeljeznicar** 1
D. Sadikovic 68

**Balzan** 0

HT 0-0 **Asim Ferhatovic Stadium**

**Zeljeznicar** – 1-Marijan Antolovic, 5-Alexandar Kosovic, 6-Kerim Memija, 22-Jasmin Bogdanovic, 3-Josip Kvesic, 8-Rijad Bajic, 11-Jovan Blagojevic (19-Enis Sadikovic 70), 18-Amir Hadziahmetovic, 15-Ognjen Djelmic, 21-Dzenis Beganovic (20-Damir Sadikovic 64), Zoran Kokot
*Coach* – Milomir Odovic
**Balzan** – 87-Valerio Senatore, 4-Justin Grioli, 5-Samir Arab, 11-Steve Bezzina, 23-Elkin Serrano, 6-Ryan Fenech, 8-Edison Bilbao, 10-Dylan Grima (18-Ryan Darmanin 79), 16-Clive Brincat, 20-Terence Agius (7-Lydon Micallef 73), 50-Ice Cream Osa Guabadia (19-Michael Borg 90)
*Coach* – Oliver Spiteri
**Referee** – Vasilis Dimitriou (Ċipru)
**Assistenti** – Aristides Christou, Charalambos Charalambous (Ċipru)
**Raba' Uff.** – Avraam Tsoukas (Ċipru)
**Ammoniti** – K. Memija (Z); E. Serrano, R. Fenech, Guobadia (B)

# Birkirkara b'telfa mi




Players ta' West Ham jiċċelebraw il-goal ta' James Tomkins kontra Birkirkara




Justin Haber (Birkirkara) f'wieħed mis-saves li wettaq kontra West Ham

Fl-ewwel leg tat-tieni round preliminari tal-UEFA Europa League, Birkirkara sfaw megħluba bl-iskor ta' 1-0 minn West Ham liema partita ntlagħbet f'Upton Park.

It-team Ingliż iddomina dan il-konfront b'ħafna pussess tal-ballun bil-Karkariżi rari mpenjaw lill-goal-keeper avversarju.

Fl-20 minuta, West Ham appellaw għal penalty meta Kevin Nolan twaqqa' fil-kaxxa fit-tentattiv li jikkonkludi mill-cross ta' Aaron Creswell, li iżda, kien kollox normali għar-referee Awstrijak, Markus Hameter

Imbagħad tliet minuti wara, il-goalkeeper Justin Haber, wettaq save mid-daqqa ta' ras ta' Modibo Maiga mill-cross insidjuż ta' Mauro Zarate.

Fid-29 minuta, reġa' kien Justin Haber providenzjali meta tar minn tulu biex salva l-kanunata ta' Modibo Maiga meghjun mil-lasta.

Fit-tieni taqsima, il-Hammers mill-ewwel ħarġu fuq l-offensiva fit-tentattiv li jiksbu l-goal tal-vantaġġ.

Dan kisbuh proprju fl-aħħar minuta meta minn azzjoni ta' corner il-ballun wasal għand James Tomkins li xeħet fix-xibka.

# ...ima kontra West Ham



*James Tomkins jiskorja għal West Ham kontra Birkirkara*



*Il-coach ta' West Ham, Slaven Bilic, jikkummenta mar-raba' uffiċjal*



*Mark Nobel (West Ham) segwit minn Zach Muscat (Birkirkara)*



Atkins / Offside

*Kevin Nolan (West Ham) jirrabja ma' Nikola Vukanac (Birkirkara) wara li kkommetta foul fuqu*

**I Leg**

**16.07.2015 - 20.45 hrs**

| | |
|---|---|
| **West Ham United** | **1** |
| J. Tomkins 90 | |
| **Birkirkara** | **0** |

**HT 0-0 Upton Park, Londra**

**West Ham** – 13-Adrian, 2-Winston Reid, 3-Aaron Cresswell, 17-Joey O'Brien, 21-Morgan Amalfitano (42-Martin Samuelsen 59), 4-Kelvn Nolan (23-Diego Poyet 79), 16-Mark Noble, 5-James Tomkins, 7-Matt Jarvis, 10-Mauro Zarate, 20-Madibo Maiga (36-Elliot Lee 70)

*Coach* – Slaven Bilic

**Birkirkara** –16-Justin Haber, 5-Mauricio Mazzetti, 6-Paul Fenech (20-Kurt Zammit 49), 15-Nikola Vukanac, 17-Edin Murga (8-Edmond Agius 46), 18-Elinton Antonio Costa Morais (11-Vito Plut 66), 19-Joseph Zerafa, 22-Zach Muscat, 24-Rowen Muscat, 7-Ryan Camenzuli, 10-Fabrizio Miccoli

*Coach* – Giovanni Tedesco

**Referee** – Markus Hameter (Awstrija)

**Assistenti** – Roland Braunshmidt, Andreas Heidenreich (Awstrija)

**Raba' Uff.** – Julian Weinberger (Awstrija)

**Ammoniti** – Z. Muscat (B); J. O'Brien, A. Cresswell, E. Reid (WH)

minn Joe Micallef - Segretarju Ġenerali YFA

# Jiġi fit-tmiem l-istaġun 2014/15 filwaqt li l-Laqgħa Ġenerali Annwali tiftaħ staġun ġdid




Peress li kien hemm xi tibdil fir-regolamenti tal-MFA, il-Laqgħa Ġenerali Annwali għal dan l-istaġun kellha tissejjaħ xi ftit tal-ġranet qabel mis-soltu, u dan wassal biex ċertu affarijiet fosthom il-Most Promising Players U/15 u U/17 u Play Fair Award fl-istess kategoriji ma ġewx magħluqa minħabba li l-kampjonati kienu għadhom ma spiċċawx. Il-Laqgħa Ġenerali nżammet, nhar il-Ġimgħa 11 ta' Ġunju 2015, fil-preżenza ta' numru sabiħ ta' delegati mid-diversi nurseries affiljati.

Fid-diskors tiegħu, il-President tal-Assoċjazzjoni Fr. Hilary Tagliaferro, għamel referenza għax-xogħol imwettaq matul l-istaġun, fosthom is-sistema tal-passaport għal kull player u s-sistema ta' data migbura mill-Assoċjazzjoni għal kull player li hemm fin-nurseries. Fil-format il-ġdid tal-kampjonat kien *issue* matul dan l-istaġun, huwa rrimarka, li fejn kien hemm meħtieġ li jsir xi tibdil dan kien ser isir, iżda llum wara l-ewwel staġun, ħafna aktar minn qabel qablu ma dak li sar.

Ġie approvat ir-rapport amministrattiv u dak finanzjarju filwaqt li kienu approvati emendi fl-Istatut tal-Assoċjazzjoni.

Fit-tmiem il-laqgħa, fid-diskors tiegħu l-President Fr. Hilary qal li l-Assoċjazzjoni kellha sfidi ġodda quddiemha fosthom dik li ġiet elenkata minn diversi nurseries dwar il-fixtures. Huwa qal li din ser tkun waħda mill prioritajiet u li fil-ġranet ta' wara l-laqgħa, l-Assoċjazzjoni kienet ser tkun impenjata li tiltaqa' mal-persuni kollha kkonċeranti biex tinstab soluzzjoni għas-sodisfazzjon tan-nurseries.

Għaldaqstant il-Kunsill tal-Youth

Ritratti Stephen Gatt



FA għall-istaġun 2015/16 ser ikun ifformat hekk:

***President:***
Fr. Hilary Tagliaferro.

***Viċi-President:***
Joe Cassar – Robert Attard.

***Segretarju Ġenerali:***
Joe Micallef

***Teżorier Onorarju:***
Alfred Cacciottolo

***Membri:***
Godwin Aquilina (Sta. Venera)
Charles Cassar (Rabat Ajax)
Stephanie Rocco (Sliema)
Simon Spiteri (Mtarfa)
Paul Vella (Mgarr)

Fl-istorja tal-Kunsill bil-post miksub minn Stephanie Rocco (Sliema) bħala membru eletta f'isem in-nurseries, ser titniżżel bħala l-ewwel mara fi ħdan il-Kunsill sa mit-twaqqif tiegħu lura fis-sena 1982. F'diskors qasir, Fr Hilary qal li, huwa għaqli li d-delegati għażlu mara fost il-membri tal-Kunsill. Dan għaliex tista' ġġib ideat u esperjenzi ġodda fi ħdan il-Kunsill, l-aktar meta wieħed qed jara li l-interess ta' players femminili fin-nurseries tagħna jiżdiedu minn staġun għall-ieħor.

Fil-granet ta' wara, il-President flimkien mas-Segretarju Ġenerali, iltaqgħu mal-membri newtrali li jkunu magħżula mill-President, fejn magħhom jiġu diskussi l-irwoli differenti ta' responsabbiltà li ser jiġu jkunu mogħtija, kif ukoll id-direzzjoni li tkun trid twettaq l-Assoċjazzjoni matul l-istaġun il-ġdid. Il-persuni li jifformaw il-grupp ta' membri newtrali huwa kompost minn:
Joe Pace
Franz Zammit
Charlie Bugeja
Adrian Grech
Alex Pace

Fr. Joe Abela kien ikkonfermat bħala direttur Spiritwali tal-Assoċjazzjoni, filwaqt li Joe Mallia se jkun għal staġun ieħor ir-rappreżentant taċ-Ċentru Tekniku fi ħdan il-Kunsill tal-Youth FA.

Tajjeb li tingħata ħarsa lejn l-unuri prinċipali finali taż-żewġ kampjonati U/15 U/17, għall-istaġun 2014/15. Minħabba diversi ċirkostanzi l-kampjonati baqgħu sejrin sa Ġunju biex l-aħħar finali tan-K.O. dik tal-U/17 tinżamm fil-21 ta' Ġunju, 2015.

Dan il-kampjonat jibqa' mfakkar għall-format ġdid tiegħu, fejn kien hemm opinjonijiet mħallta u differenti min-nurseries dwar il-format tiegħu.

## Youth FA Honours 2014 -2015

| Most Promising Player | Winners |
|---|---|
| Under 17 | Michele Sansone (Sliema W.) |
| Under 15 | Nicholas Farrugia (Birkirkara) |

| APS Bank Play Fair Award | Winners |
|---|---|
| Under 17 | Birzebbugia W. |
| Under 15 | Attard |

| Competition | Winners |
|---|---|
| APS Bank U17 Section A | Mosta |
| Youth FA U17 Knock-Out | Valletta |
| APS Bank U17 Section B | Kirkop |
| APS Bank U17 Section C1 | Żabbar SP |
| APS Bank U17 Section C2 | Balzan |
| APS Bank U17 Section D | Zejtun |
| APS Bank U15 Section A | Birkirkara |
| Youth FA U15 Knock-Out | St. Andrews |
| APS Bank u15 Section B | St. Andrews |
| APS Bank U15 Section C1 | Fgura |
| APS Bank U15 Section C2 | Qormi |
| APS Bank U15 Section D | Birzebbugia |

Klassifiki Finali għall-istaġun 2014/15 wieħed jista jsegwi aktar fid-dettal il-website uffiċjali tal-Assoċjazzjoni fuq: **theyouthfa.org.mt**

Dr Kirill Micallef Stafrace

# Preventing a Cardiac event in Athlete

Dr Micallef Stafrace is Vice President of the European Federation of Sports Medicine Associations (EFSMA), a Sports and Exercise Medicine Consultant and a Senior Lecturer in Sports Science - Sportmedicinedoc@gmail.com





The European Federation of Sports and Exercise Medicine (EFSMA) has recently published a position statement on the importance of an ECG( electrocardiogram) as part of an athlete's pre participation examination (PPE). This document has gained more relevance with the recent spate of high profile athletes that have suffered heart attacks during or immediately after a sporting event.

The role of the PPE is to identify any underling physical issues that could lead to mild or life threatening health complications for the athlete. The controversy lies in whether an ECG (ritratt tal-qalb) should be included as part of the PPE. This has been routine in many European countries and even UEFA and the International Olympic Committee, and their local representatives, consider it an essential requirement. However the United States differ in their opinion, mainly for logistic and organisational reasons and due to the perceived limited diagnostic value of ECG. However new studies and the emergence of stringent and reliable criteria for ECG interpretation (e.g. Seattle criteria) have increased the validity of ECGs. This is also augmented by new, athlete-oriented ECG interpretation software in ECG devices, which are more reliable than visual analysis. Therefore, ECG recording in all athletes is strongly recommended in Europe. ECG is superior to history and clinical exam in detecting hidden and congenital diseases that are the main cause of sudden death in athletes. However athletes are a special subsection of the general population that require special training in ECG interpretation. EFSMA being aware of this has also launched an online certification process (http://femede.es/page.php?/interno/CursosEFSMA) and a website for ECG interpretation assistance (http://www.efsma-scientific.eu/need-help-with-athletes-ecg-interpretation/).

So where does it leave the athlete and the sporting organisations? The bare minimum is to ensure that all athletes should have a regular PPE that should include an ECG. Musculoskeletal and most health issues are straightforward, however If there are any doubts in the interpretation of the ECG a cardiologist should be consulted. In these cases it is definitely the case were we should err on the side of caution.

# JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 35 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt

# Ċilí għall-ewwel darba



*Iċ-Ċilì jiċċelebraw is-suċċess tagħhom tal-Copa America*

Iċ-Ċilí niżżlu isimhom għall-ewwel darba fl-istorja tal-Copa America, meta fil-finali għelbu lill-Arġentina bl-għoti tal-penalties bl-iskor ta' 4-1 wara li r-riżultat baqa' fi draw ta' mingħajr goals.

Din it-telfa għall-Arġentina kienet it-tieni waħda fi spazju ta' sena meta s-sena li għaddiet kienu tilfu l-finali tat-Tazza tad-Dinja kontra l-Ġermanja.

Iċ-Ċilí, li kellhom il-vantaġġ li kienu qed jilagħbu quddiem il-pubbliku tagħhom stess, dehru nervużi ħafna u damu xi ftit biex issetiljaw.

Infatti, it-tliet difensuri, Francisco Silva, Gary Medel u Marcelo Diaz, kellhom isimhom meħud matul l-ewwel taqsima, iżda wara l-mistrieħ huma kienu team solidu li kollox ma' kollox kien jimmeritahom li jirbħu dan l-unur għax kienu wkoll minn fost l-aqwa timijiet matul it-tournament kollu.




L-aħjar ċans tal-partita wasal f'nofs it-tieni taqsima għall-Arġentina, li iżda, Gonzalo Higuain, kien ħati li minn qagħda ideali xeħet il-ballun man-naħa ta' barra tax-xibka minflok iddepożitah fix-xibka stess.

Jidher li ma kinitx il-ġurnata tal-Arġentina hekk kif fid-29 minuta huma tilfu pedina mportanti meta Angel Di Maria kellu jħalli l-ground wara injury fil-hamstring. Barra minn hekk, lejn nofs it-tieni taqsima, Javier Mascherano u Ezequiel Lavezzi, dehru jzappu li kienet indikazzjoni li ma kienux f'sikkithom.

Meta ingħata l-ħin barrani l-partita baqgħet bilanċjata biex din il-finali kellha tmur għall-għoti tal-penalties.

Għaċ-Ċilí skorjaw Matias Fernandez, Arturo Vidal, Charles Aranguiz u Alexis Sanchez filwaqt li għall-Arġentina skorja biss Lionel Messi. Gonzalo Higuain falla l-mira filwaqt li x-xutt ta' Ever Banega ġie milqugħ mill-goalkeeper Ċilen Claudio Bravo.



Claudio Bravo (Ċilì) jilqa' l-penalty ta' Ever Banega (Arġentina)



*Claudio Bravo (Ċilì) wara li ġie ppreżentat bl-unur tal-Aħjar Goalkeeper tal-Copa America*



Arturo Vidal jiċċelebra flimkien mat-tifel tiegħu Alonso

## Ir-Riżultati kollha

**Grupp A**

11.06.2015
Ċilì v Ekwador 2-0

12.06.2015
Messiku v Bolivja 0-0

15.06.2015
Ekwador v Bolivja 2-3
Ċilì v Messiku 3-3

19.06.2015
Messiku v Ekwador 1-2
Ċilì v Bolivja 5-0

KLASSIFIKA

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ċilì | 3 | 2 | 1 | 0 | 10 | 3 | 7 |
| Bolivja | 3 | 1 | 1 | 1 | 3 | 7 | 4 |
| Ekwador | 3 | 1 | 0 | 2 | 4 | 6 | 3 |
| Messiku | 3 | 0 | 2 | 1 | 4 | 5 | 2 |

**Grupp B**

13.06.2015
Urugwaj v Ġamajka 1-0
Arġentina v Paragwaj 2-2

16.06.2015
Paragwaj v Ġamajka 1-0
Arġentina v Urugwaj 1-0

20.06.2015
Urugwaj v Paragwaj 1-1
Arġentina v Ġamajka 1-0

KLASSIFIKA

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Arġentina | 3 | 2 | 1 | 0 | 4 | 2 | 7 |
| Paragwaj | 3 | 1 | 2 | 0 | 4 | 3 | 5 |
| Urugwaj | 3 | 1 | 1 | 1 | 2 | 2 | 4 |
| Ġamajka | 3 | 0 | 0 | 3 | 0 | 3 | 0 |

**Grupp C**

14.06.2015
Kolumbja v Venezwela 0-1
Brazil v Perù 2-1

17.06.2015
Brażil v Kolumbja 0-1

18.06.2015
Perù v Venezwela 1-0

21.06.2015
Kolumbja v Perù 0-0
Brażil v Venezwela 2-1

KLASSIFIKA

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Brażil | 3 | 2 | 0 | 1 | 4 | 3 | 6 |
| Perù | 3 | 1 | 1 | 1 | 2 | 2 | 4 |
| Kolumbja | 3 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 4 |
| Venezwela | 3 | 1 | 0 | 2 | 2 | 3 | 3 |

**Kwarti-Finali**

24.06.2015
Ċilì v Urugwaj 1-0

25.06.2015
Bolivja v Perù 1-3

26.06.2015
Arġentina v Kolumbja 0-0
*(Arġentina 5-4 bil-penalties)*

27.06.2015
Brażil v Paragwaj 1-1
*(Paragwaj 4-3 bil-penalties)*

**Semi-Finali**

29.06.2015
Ċilì v Perù 2-1

30.06.2015
Arġentina v Paragwaj 6-1

**It-Tielet Post**

03.07.2015
Perù v Paragwaj 2-0

**Finali**

04.07.2015
Ċilì v Arġentina 0-0
*(Ċilì 4-1 bil-penalties)*



Lionel Messi (Arġentina) iddemoralizzat wara t-telfa kontra ċ-Ċilì

# San Ġiljan itemmu l-ewwel fażi fl-ewwel post

## Il-kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni miftuħ bejn tliet timijiet

### KAMPJONAT PREMIER

**06.06.2015**

Valletta McDonald's 12
Sirens Ritter Sports 11
(3-2. 1-2, 3-3, 5-4)

Neptunes Grimaldi 7
San Ġiljan Crystal F. 8
(1-0, 2-1, 1-4, 3-3)

Sliema Frank Salt RE 13
Exiles Ferretti 6
(2-0, 2-1, 3-1, 6-4)

**09.06.2015**

Sirens Ritter Sports 12
Sliema Frank Salt RE 12
(4-3, 2-2, 3-4, 3-3)

**10.06.2015**

Exiles Ferretti 8
Neptunes Grimaldi 18
(1-7, 4-4, 2-2, 1-5)

San Ġiljan Crystal F 15
Valletta McDonald's 6
(5-2, 2-1, 4-0, 4-3)

**12.06.2015**

Sliema Frank Salt RE 16
Valletta McDonald's 11
(4-3, 2-4, 3-1, 7-3)

**13.06.2015**

San Ġiljan Crystal 14
Exiles Ferretti 7
(4-1, 4-0, 1-2, 5-4)

Neptunes Grimaldi 10
Sirens Ritter Sports 7
(6-2, 1-2, 0-1, 3-1)

**19.06.2015**

Sirens Ritter Sports 8
San Ġiljan Crystal F. 9
(2-0, 2-3, 1-2, 2-3)

**20.06.2015**

Sliema Frank Salt RE 8
Neptunes Grimaldi 9
(2-3, 2-3, 1-2, 3-1)

Valletta McDonald's 12
Exiles Ferretti 10
(2-2, 3-1, 5-5, 2-2)

**23.06.2015**

Neptunes Grimaldi 14
Valletta McDonald's 6
(1-1, 4-1, 4-3, 5-1)

**24.06.2015**

San Ġiljan Crystal F. 11
Sliema Frank Salt RE 10
(4-3, 4-1, 1-3, 2-3)

Exiles Ferretti 7
Sirens Ritter Sports 13
(1-3, 3-2, 2-3, 1-5)

**30.06.2015**

Sirens Ritter Sports 14
Valletta McDonald's 7
(1-1, 4-2, 4-1, 5-3)

**01.07.2015**

Exiles Ferretti 12
Sliema Frank Salt RE 14
(2-2, 3-4, 3-3, 4-5)

San Ġiljan Crystal F 9
Neptunes Grimaldi 11
(3-3, 2-3, 3-3, 1-2)

**03.07.2015**

Sliema Frank Salt RE 13
Sirens Ritter Sports 14
(4-5, 3-3, 3-3, 3-3)

**04.07.2015**

Neptunes Grimaldi 18
Exiles Ferretti 8
(4-3, 5-2, 4-0, 5-3)

**05.07.2015**

Valletta McDonald's 10
San Ġiljan Crystal F. 13
(1-3, 2-2, 4-2, 3-6)

**07.07.2015**

Valletta McDonald's 6
Sliema Frank Salt RE 9
(1-4, 1-1, 3-2, 1-2)

**08.07.2015**

Sirens Ritter Sports 6
Neptunes Grimaldi 12
(0-4, 1-2, 1-1, 4-5)

Exiles Ferretti 12
San Ġiljan Crystal F. 19
(1-4, 3-4, 4-5, 4-6)

**12.07.2015**

Exiles Ferretti 8
Valletta McDonald's 7
(2-5, 3-1, 2-1, 1-0)

San Ġiljan Crystal F. 8
Sirens Ritter Sports 7
(2-1, 1-4, 3-0, 2-2)

Neptunes Grimaldi 9
Sliema Frank Salt RE 9
(1-3, 2-3, 4-1, 2-2)

**17.07.2015**

Valletta McDonald's 8
Neptunes Grimaldi 11
(3-2, 3-2, 1-5, 1-2)

Sirens Ritter Sports 14
Exiles Ferretti 8
(3-2, 6-1, 4-2, 1-3)

**18.07.2015**

Sliema Frank Salt RE 6
San Ġiljan Crystal F. 7
(1-0, 2-0, 1-2, 2-5)

TMIEM L-EWWEL FAŻI

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| San Giljan | 10 | 9 | 0 | 1 | 113 | 84 | 27 |
| Neptunes | 10 | 8 | 1 | 1 | 119 | 77 | 25 |
| Sliema | 10 | 4 | 2 | 4 | 110 | 97 | 14 |
| Sirens | 10 | 4 | 1 | 5 | 106 | 98 | 13 |
| Valletta | 10 | 2 | 0 | 8 | 85 | 121 | 6 |
| Exiles | 10 | 1 | 0 | 9 | 86 | 142 | 3 |

San Ġiljan, Neptunes u Sliema se jilagħbu fiċ-Championship Pool filwaqt li Sirens, Valletta u Exiles se jilagħbu fir-Relegation Pool. Il-punti jibqgħu jinżammu.

## KAMPJONAT PREMIER
### Lista tal-Iskorers
**Goals - 619; Skorers - 59**

35 - Steve Camilleri (Neptunes)
33 - Marco Cuk (Exiles)
31 - Christian Presciutti (Sirens)
29 - Guillermo Molina (San Ġiljan)
27 - Nikola Dedovic (Sliema)
22 - Boris Vapenksi (San Ġiljan)
21 - Edward Aquilina (Sirens); John Soler (Sliema)
19 - Romain Blary (Exiles); Peter Biros (Neptunes)
18 - Jerome Gabarretta (Sliema); Gergely Kiss (Valletta)
17 - Jordan Camilleri (Neptunes); Aurelien Cousin, Dino Zammit (San Ġiljan)
16 - Matthew Zammit (San Ġiljan); Csaba Kiss (Sirens); Djordje Filipovc (Valletta)
15 - Michael Cordina (Valletta)
13 - Ivan Krapic, Niki Lanzon (Neptunes); Micahel Bodegas (Sliema)
12 - Michele Stellini (Neptunes)
11 - Sean Gravina (Exiles)
9 - David Cutajar, Marc Grech (Sirens); John Brownrigg (Sliema);
8 - Clint Mercieca (Neptunes); Luke Caruana (Sirens); Karl Galea, Charlie Zammit (Valletta)
7 - Simon Vassallo (Exiles); Mark Meli (Sliema); Ryan Mock, Michael Rizzo (Valletta)
6 - Peter Borg (San Ġiljan)
5 - Kayne Lanzon (Exiles); Zak Mizzi, Gabriel Pace (Sirens); Alex Attard (Sliema)
3 - Andrea Bianchi, Kurt Griscti (Exiles); Paul Fava (San Ġiljan); Nicholas Bugelli, Kai Dowling (Sliema); Daniel Paolella (Valletta)
2 - David Pace Lupi, James Spiteri Staines (Exiles); Michele Lanzon (Neptunes); Andrew Sammut (Sirens); Mark Fenech (Sliema); Andrea Agius (Valletta)
1 - Julian Rizzo Naudi (Exiles); Andreas Galea, Keith Galea, Ben Plumpton (San Ġiljan); Christian Cluett, Michael Siteri Staines (Sliema); Nicky Bonello Ghio (Valletta)

**Total ta' goals fianet differenti:** (1) 57; (2) 71; (3) 65; (4) 56; (5) 61; (6) 67; (7) 76; (8) 64; (9) 48; (10) 54

**Players li skorjaw f'kull partita** Steve Camilleri, Marco Cuk, Guillermo Molina, Christian Presciutti, Boris Vapenski,.


*Sirens v Neptunes*


*Neptunes v Sliema*


*Neptunes v Sliema*


*Valletta v San Ġiljan*

Ritratti: Christine Borg



*Valletta v San Ġiljan*

## KAMPJONAT L-EWWEL DIVIŻJONI
### Lista tal-Iskorers

Goals - 351; Skorers - 42

34 - Adam Maklari (Ta' Xbiex)
31 - Matyas Pasztor (Marsaskala)
30 - Ivan Vuksanovic (Marsaxlokk)
25 - Srdjan Aksentijevic (Otters)
21 - Mark Kallay (Ta' Xbiex)
18 - Bela Torok (Marsaskala)
16 - Milos Korolija (Marsaxlokk)
13 - Clyde Bonello (Marsaskala)
12 - Jean Claude Cutajar (Marsaskala); Claudio Spiteri Debarro (Marsaxlokk)
9 - Edward Meli (Otters)
8 - Christian Gialanze, Nicholas Portelli (Marsaxlokk); Filip Kljajevic, Nicky Paris (Otters)
7 - Matthew Pace (Marsaskala); Ranier Scerri (Marsaxlokk)
6 - Charles Bugeja (Marsaxlokk); Ayrton Camilleri, Keith Grima Scott (Ta' Xbiex)
5 - Kyle Navarro (Marsaskala); Andrew Zarb Cousin (Marsaxlokk); Aleandro Mifsud (Ta' Xbiex)
4 - Marc Lanzon (Marsaxlokk); Gabriel Mizzi, Steve Dimech (Otters); Georg Debono, Joseph Galea, Edward Gravina (Ta' Xbiex)
3 - Duncan Cassar, Liam Grixti, Stephen Micallef (Marsaskala); Kurt Mock (Ta' Xbiex)
2 - Joseph Cremona, Christian Mifsud (Marsaskala); Anthony Galea (Marsaxlokk); Daniel Borg Millo, Michael Paris (Otters); Miguel Zammit (Ta' Xbiex)
1 - Luke Gialanze (Otters), George Attard (Ta' Xbiex)

**Total ta' goals fil-Granet differenti:** (1) 52; (2) 59; (3) 41; (4) 50; (5) 54; (6) 40; (7) 55

**Players li skorjaw f'kull partita** - Adam Maklari, Matyas Pasztor, Ivan Vuksanovic, Srdjan Aksentijevic, Mark Kallay, Milos Korolija

BOV WATERPOLO

## I DIVIŻJONI

**05.06.2015**
**Otters Nivea 10**
**Marsaskala NE 16**
(2-4, 0-4, 5-5, 3-3)

**06.06.2015**
**Ta' Xbiex Amigos 14**
**Marsaxlokk Fischer 12**
(3-2, 1-4, 5-2, 5-4)

**09.06.2015**
**Marsaxlokk Fischer 21**
**Otters Nivea 9**
(4-2, 5-5, 5-2, 7-0)

**10.06.2015**
**Marsaskala NE 11**
**Ta' Xbiex Amigos 18**
(2-3, 3-3, 1-5, 5-7)

**12.06.2015**
**Ta' Xbiex Amigos 11**
**Otters Nivea 9**
(2-3, 3-3, 2-2, 4-1)

**13.06.2015**
**Marsaskala NE 9**
**Marsaxlokk Fischer 12**
(3-2, 2-5, 1-2, 3-3)

**19.06.2015**
**Marsaskala NE 18**
**Otters Nivea 7**
(6-0, 2-2, 3-1, 7-4)

**20.06.2015**
**Marsaxlokk Fischer 12**
**Ta' Xbiex Amigos 13**
(2-3, 4-5, 4-1, 2-4)

**23.06.2015**
**Ta' Xbiex Amigos 12**
**Marsaskala NE 13**
(2-3, 4-5, 4-1, 2-4)

**24.06.2015**
**Otters Nivea 10**
**Marsaxlokk Fischer 19**
(3-5, 1-5, 3-5, 3-4)

**03.07.2015**
**Otters Nivea 8**
**Ta' Xbiex Amigos 9**
(0-1, 4-1, 3-2, 1-5)

**04.07.2015**
**Marsaxlokk Fischer 9**
**Marsaskala NE 14**
(3-3, 2-4, 3-2, 1-5)

**07.07.2015**
**Ta' Xbiex Amigos 13**
**Marsaxlokk Fischer 14**
(4-5, 3-3, 3-3, 3-3)

**08.07.2015**
**Otters Nivea 10**
**Marsaskala NE 18**
(2-4, 2-4, 4-4, 2-6)

KIF JINSABU

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marsaskala | 7 | 5 | 0 | 2 | 99 | 78 | 15 |
| Ta' Xbiex | 7 | 5 | 0 | 2 | 90 | 79 | 15 |
| Marsaxlokk | 7 | 4 | 0 | 3 | 99 | 82 | 12 |
| Otters | 7 | 0 | 0 | 7 | 63 | 112 | 0 |







**BOV CARDS**

**2131 2020 | bov.com**

Terms and conditions apply.

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, il-Belt Valletta VLT 1130

BOV
Bank of Valletta



# Organizzata l-akbar attivitá li qatt saret f'pajjiżna...

Il-Boxers Professjonali Maltin affiljati mal-Malta Boxing Association Super Steve Martin u Tyrone El Terribile Borg żammew mal-aspettativa u rebħu l-ġlidiet rispettivi tagħhom fl-attività *Reloaded* organizzata għal darb'oħra b'suċċess mill-promotur Demis Tonna li saret fl-eks Trade Fair Grounds in-Naxxar.

Steve Martin rebaħ kontra Ferenc Szelkalas permezz ta' Technical Knock Out fil-ħames round filwaqt li Tyrone Borg rebaħ ukoll permezz ta' Technical Knock Out fit-tieni round meta l-boxer avversarju Peter Zsilak irtira.

Dawn iż-żewġ boxers professjonali kienu qed jiġġieldu taħt għajnejn il-President tal-EBU l-European Boxing Union is-Sur Bob Logist. L-EBU hija l-ekwivalenti għall-UEFA fil-Football Internazzjonali.














Din kienet okkażjoni storika għall-Boxing Malti hekk wieħed mill-ogħla uffiċjali fil-boxing Ewropew kellu ċ-ċans jara it-talent Malti f'dan l-isport. Filfatt fil-jiem li ġejjien il-Kap Eżekuttiv tal-Malta Boxing Association Marc James mistenni formalment jagħmel talba lill-EBU sabiex jibda l-proċess sabiex ikunu promossi għall-Professional - Elite status tliet boxers li ħallew impressjoni tajba fuq Bob Logist.

Dawn huma Richard *The Viper* Vella, Keith *Speed* Azzopardi, u Christian *Ċoqqos* Schembri. Brandon *Boġon* Borg se jkollu wkoll l-applikazzjoni tiegħu imressqa fil-jiem li ġejjin.

Waqt l-attivitá Reloaded spikkat fost l-oħrajn il-ġlieda bejn Luke *Deadly* Dimech u Redent Galea, bl-ex player internazzjonali tal-Football jiddebutta bħala novizz f'dan l-isport permezz ta' rebħa bil-punti fi tmiem l-erba' rounds li kienu skedati.

Rebħiet ukoll għal Duncan Calleja, Kerstin Brown, Lydon Chircop, Daniel Micallef u Garth Galea filwaqt li fil-kategorija Heavywieght il-Boxer Michael Carter spiċċa fi draw.

Apparti l-preżenza ta' Bob Logist, preżenti wkoll is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Isport Chris Agius, il-Kap Eżekuttiv tal-Kunsill Malti għall-Isport Mark Cutajar u d-Direttur tal-Kumitat Olimpiku Malti Paul Sultana flimkien ma' diversi mistiedna oħra.

Il-Kumitat Eżekuttiv tal-Malta Boxing Association irringrazzja lill-mijiet ta' segwaċi li attendew għal din l-attivitá, lill-boxers, lill-coaches u l-aħħar iżda mhux l-inqas lill-Promotur Demis Tonna li reġa' tella' wirja organizzata b'mod professjonali.

## Muturi - Staġun ta' suċċess għal Gozo Motocross Association

# Etienne Bigeni champion Għ


*Etienne Bigeni ppreżentat bit-trofew mill-Ministru għal Għawdex Anton Refalo*

Il-Gozo Motorcross Association immexxija mill-President tant ħabrieki Frankie Xuereb rat il-ħidma u s-sagrifiċċji kollha tagħha jagħtuha r-riżultati mixtieqa meta temmew b'suċċess il-kompetizzjonijiet kollha tagħha għal dan l-istaġun li reġa' kien organizzat mill-ġdid wara nuqqas notevoli. Għal darb'oħra numru sabiħ ta' dilettanti attendew għat-tiġrijiet finali fil-korsa tax-Xep, f'Ta' Xħajma, li fihom ġew inkurunati r-rebbieħa tat-tliet kategoriji.

Fil-fatt dawn l-aħħar tiġrijiet ġabu fi tmiem tagħhom l-attivitajiet fejn dawn irriżultaw ferm interessanti u eċċitanti aktar mis-soltu peress li kemm il-pubbliku kif ukoll is-sewwieqa stennew bil-ħerqa dawn ir-riżultati biex ikunu jafu min huma r-rebbieħa overall f'kull kategorija tal-Kampjonati rispettivi.

L-ewwel tiġrija kienet tassew interessanti b'muturi 50cc fejn fost is-sitt sewwieqa, tlieta kienu tfajliet u tifla ta' tmien snin, Sabina Bailey li saqet il-mutur Yamaha tagħha b'ħila u kapaċità liema bħalha. Rajna wkoll sewwieqa ġodda fosthom, Isaac Bartolo, Clodia Xuereb u Josephine Camilleri flimkien ma' Emma Xuereb. F'din il-kategorija ħareġ rebbieħ Jack Bailey ta' disa' snin fuq il-KTM tiegħu.

Kategorija A ntrebħet minn Etienne Bigeni li kien segwit minn Joseph Bigeni u Robert Spiteri. Charles Borg spiċċa fuq quddiem f'Kategorija B, b'Godfrey Bigeni u Daniel Camilleri jispiċċaw fiż-żewġ postijiet ta' wara. Kategorija Ċ intrebħet minn Nicovich Chircop. Jorn Stellini sab sfida qawwija għat-tieni post minn Mattie Bailey.

Intant Etienne Bigeni sar iċ-champion Għawdxi meta spiċċa f'ras il-klassifika ta' Klassi A b'284 punt. Fit-tieni post spiċċa Joseph Bigeni b'263 punt u fit-tielet pożizzjoni kklassifika Robert Spiteri b'215 punt. Fi Klassi B ir-rebbieħ finali kien Charles Borg b'291 punt. Warajh spiċċaw rispettivament Daniel Camilleri b'219 punt u Godfrey Bigeni b'213 punt. Il-klassifika finali ta' Klassi Ċ rat jispiċċa fuq quddiem lil Nicovich Chircop b'295 punt. Fiż-żewġ postijiet ta' wara spiċċaw Kurt Fenech b'227 punt u Mattie Bailey b'174 punt'

Fost il-premijiet ingħata wieħed Speċjali sponsorjat mill-President Frank Xuereb marbut ma' snin twal ta' ħidmitu fl-isports tal-Motocross ġewwa Għawdex. Dan il-premju li kien ippreżentat mill-istess Frank 'Bruno' Xuereb ingħata lit-tfajjel Jack Bailey li ta' 10 snin wera ħila, dedikazzjoni u dixxiplina matul l-istaġun kollu.

Fi tmiem dan il-programm il-Ministru għal Għawdex, Dr. Anton Refalo flimkien ma' Alvin Grech u Joe Bajada, CEO u Segretarju rispettivament tal-Gozo Sports Board qassmu t-trofej lis-sewwieqa kollha. Fil-fatt biex il-Gozo Motorcross Association setgħet tagħmel dan kollu, hija sabet koperazzjoni sħiħa min-naħa tal-Ministeru għal Għawdex, kif ukoll tal-Gozo Sports Board.



*Il-parteċipanti bl-unuri li reb*


*It-tluq tan-Nofs Maratona ta' Għawdex*

# awdxi

Inkoraġġanti ferm kienet li anke xi tfajliet u żgħażagħ li bdew jipprattikaw dan l-isport u dan huwa ta' awgurju mill-isbaħ biex dan l-isport ikompli jikber fil-gzira Għawdxija. Wara s-suċċess li nkiseb kemm fl-organizzazzjoni, kif ukoll f'dik li hija parteċipazzjoni, il-Gozo Motocross Association tinsab ferm determinata li tkompli għaddejja bil-ħidma tagħha biex tiġbet iktar sewwieqa u dilettanti Għawdxin lejn l-attivitajiet tagħha li dejjem qed isiru iktar popolari. Għal iktar tagħrif wieħed għandu jżur il-paġna tal-facebook Gozo Motocross Association.





## In-nofs Maratona ta' Għawdex 2015

# Jirbaħ id-debuttant Taljan Giacomo Fontanel



Giacomo Fontanel

L-40 edizzjoni tan-Nofs Maratona tax-Xagħra b'iktar minn 400 atleta jieħdu sehem reġgħet għal darb'oħra kienet attività sportiva ta' suċċess, kemm mil-lat organizzattiv, kif ukoll minn dak parteċipattiv bl-organizzazzjoni tad-diversi tiġrijiet li saru. Apparti n-Nofs Maratona, saru anke tlielaq tat-8 mili, tal-4km, tat-2km, kif ukoll il-Fun Run. Għall-ħames darba ġiet organizzata wkoll il-Mountain Bike Race fuq distanza ta' 13.1 mil. F'temp mill-iktar sajfi, din il-maratona reġgħet offriet sfida unika għax tgħaddi minn qalb il-pjanura Għawdxija u minn diversi toroq qalb il-kampanja. Din toffri diversi tlajja' u nżul u l-fatt li tgħaddi minn qalb il pjazez ta' mill-anqas sebat irħula Għawdxin, tagħmel din il-maratona ta' interess partikolari. Din l-edizzjoni tan-Nofs Maratona ta' Għawdex intrebħet mid-debuttant Taljan Giacomo Fontanel (Atletica Mirafiori) f'ħin ta' 01:20.58. Huwa kien segwit mir-rebbieħ tas-sena l-oħra Drew Lang ta' Pembroke Athletics li spiċċa f'ħin ta' 01.21.12 u l-Għawdxi Stefan Azzopardi tat-Team Fabio jispiċċa għat-tieni darba konsekuttiva fit-tielet pożizzjoni f'ħin ta' (01:24.46).

L-ewwel mara li spiċċat in-Nofs Maratona kienet Jacqueline Booker ta' St. Patricks f'ħin ta' 01:39.28. Hija kienet segwita minn Karen Amato f'ħin ta' 01:41.13 u Sandra Schembri ta' B'kara St Joseph f'ħin ta' 01:42.22.

It-tiġrija tat-8 Mili ntrebħet mill-Għawdxi Charlton Debono (Gozo Athletix) f'ħin ta' 47:19. Fit-tieni u fit-tielet post spiċċaw rispettivament Matthew Scicluna ta' Pembroke Athleta f'ħin ta' (47.47) u Alexander Schembri ta' St Patrick's (49.13). Fil-kategorija tan-Nisa ħarġet rebbieħa Roberta Schembri ta' St Patrick's f'ħin ta' 51.07. Hija kienet segwita minn Tara Abdilla ta' La Salle AC (54.23) u Francesca Arrigo tal-Ladies Running Club (59.09).

It-tiġrija tal-4 KM intrebħet minn Michael Paul Camilleri (Nadur Road Runners) f'ħin ta' 15:13, filwaqt li dik tat-2 KM intrebħet minn Nathan Njoku tal-Gozo Grey Hounds Sports Club f'ħin ta' 07:22 u atleta oħra tal-istess klubb Għawdxi Nicole Camilleri spiċċat bħala l-ewwel atleta feminili f'ħin ta' 07:42. It-2 KM Fun Run intrebħet minn Fabian Grech Manz (08:26) filwaqt li Elisa Dingli (10:07) spiċċat bħala l-ewwel atleta feminili.

Fil-Mountain Bike Race li kienet fuq l-istess rotta tan-nofs maratona, ħadu sehem diversi ċiklisti bir-rebbieħ jerġa jkun Kevin Muscat ta' Qormi CC f'ħin ta' 40.06. Warajh spiċċaw Brandon Sultana f'ħin ta' 43:30 u Ryan Sultana ta' St Patrick's f'ħin ta' 47:2.

Il-Kumitat tan-Nofs Maratona ta' Għawdex jixtieq irodd ħajr lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra, lill-Ministeru għal Għawdex, lill-Awtorita Maltija tat-Turiżmu, San Michel, Gatorade, Fitness u Ray-sun.

L-organizzaturi jixtiequ jirringrazzjaw ukoll lil diversi entitajiet tal-għajnuniet tagħhom fosthom lill-Parroċċa tax-Xagħra, Xagħra Scout Group, Victory Garage, Buff, Nestle, Puttinu Cares, lil Emergency Response & Rescue Corps, lil Pulizija, Local Wardens, Stephen Borg, George Bajada, Simon & Caroline Collins, Sunny Buhagiar, Hilly, kif ukoll lil mijiet ta' voluntiera żgħażagħ li kienu marshalls madwar ir-rotta u li wkoll għenu fl-organizzazzjoni.

## L-Isport, il-Kundizzjoni Fiżika u s-Saħħa Mentali

# Inizjattivi favur ħajja b'saħħitha fuq



L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) tirrakkomanda li biex wieħed jgħix f'saħħtu għandu jinvolvi ruħu f'attività fiżika ta' intensità medja għal tal-anqas sagħtejn u nofs fil-ġimgħa. Dan huwa bżonn li jirrokonoxxih kulħadd, iżda ftit huma dawk li jwettquh fil-prattika. Fil-fatt, stħarriġ tal-Ewrobarometru li ħareġ fl-2014 juri li żewġ terzi tal-Ewropej iqattgħu bejn 2.5 u 8.5 sigħat kuljum bilqiegħda. Dan huwa 5 punti perċentewali aktar mill-istatistika tal-2002. Barra minn hekk, aktar minn 10% tal-Ewropej iqattgħu aktar minn 8.5 sigħat kuljum bilqiegħda, u 42% qatt ma jipprattikaw eżerċizzju fiżiku jew xi sport partikolari.

Dan kollu għandu wkoll riperkussjonijiet ekonomiċi, u studju li sar ftit ilu mis-'Centre for Economics and Business Research' (CEBR) għall-'International Sport and Culture Association' (ISCA) jiżvela li l-ispejjeż 'żejda' marbuta ma' nuqqas ta' attività fiżika fl-Ewropa jaqbżu t-€80 biljun fis-sena.

Sfortunatament, minkejja li ħafna huma konxji tal-bżonn tal-eżerċizzju fiżiku u ta' kemm dan jagħmel ġid lis-saħħa tal-bniedem, ftit huma dawk li jinvolvu ruħhom fih, u huwa proprju għalhekk li kontinwament nisimgħu b'inizjattivi u kampanji biex iċ-ċittadini Ewropej jinvolvu ruħhom aktar fl-isport u fl-attività fiżika. Mill banda l oħra jeħtieġ jitqajjem aktar għarfien dwar ir-rabta bejn l-attività fiżika u s-saħħa mentali għax dan għadu nieqes ħafna.

Din hija anomalija serja, għax ir-riċerka turi li hemm relazzjoni pożittiva bejn l-attività fiżika u s-saħħa mentali. Ix-xjenza tikkonferma li l-eżerċizzju fiżiku jtejjeb il-kundizzjoni emozzjonali tal-persuna u jgħin biex l-individwu jikkumbatti kundizzjonijiet bħad-dipressjoni, l-anzjetà u l-istress. Dawn huma benefiċċji importanti daqs il-benefiċċji fiżiċi tal-isport.

F'dan il-kuntest, l-'Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol' (EU-OHSA) għadha kif onorat aktar minn 100 kumpanija Ewropea li ħadu inizjattivi biex inaqqsu l-istress fuq il-post tax-xogħol. Fost l-oħrajn, kumpanija tal-IT fl-Olanda rċeviet premju



# il-post tax-xogħol...

Malta-EU Steering & Action Committee
NATIONAL COORDINATOR
2015 European Year for Development

għall-proġett tagħha mmirat biex tingħata attenzjoni kemm lis-saħħa fiżika u kif ukoll dik mentali tal-ħaddiema tagħha.

Grazzi għal dan il-proġett, l-istaff ta' din il-kumpanija jista' jgawdi mis-servizzi ta' terapista u fiżjoterapista fuq il-post tax-xogħol. Barra minn hekk il-proġett kien jinkludi diversi inizjattivi li jinkoraġġixxu l-attività sportiva u dieta tajba għas-saħħa. Dawn l-inizjattivi ħallew effett pożittiv fuq il-kumpanija, tant li r-rata tas-sick leave fl-2013 kienet biss ta' 0.9% u l-kumpanija qed tiffranka €229,000 fis-sena fi spejjeż marbuta mal-assenteiżmu minħabba l-mard.

Proġett ieħor twettaq fi sptar fil-Finlandja, fejn programm ta' attivitajiet sportivi introdott fl-2013 wassal biex l-assenteiżmu minħabba l-mard naqas b'9.1% bejn l-2013 u l-2014, tnaqqis li jfisser li l-isptar iffranka madwar €1.5 miljun. Barra minn dan, il-programm wassal ukoll biex in-numru ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol naqas b'25%. Fuq kollox, il-livell ta' sodisfazzjon fuq il-post tax-xogħol tal-madwar 1,500 impjegat li daħlu f'dan il-programm, żdied.

Eżempju ieħor huwa ta' bank Daniż li ħareġ bi proġett ta' programmi ta' dieta u eżerċizzju mibnija skond il-ħtiġijiet individwali ta' kull impjegat. Dan il-proġett wassal biex f'sitt snin, ir-rata ta' sick leave naqset bin-nofs, il-kundizzjoni fiżika u mentali tal-impjegati tjiebet, in-numru ta' ħaddiema b'piż żejjed naqas b'20%, u 93% tal-istaff jgħidu li huma 'kuntenti' jew 'kuntenti ħafna' fuq il-post tax-xogħol.




Dawn il-figuri juru l-importanza tal-attività sportiva fir-rigward tas-saħħa fiżika u dik mentali, u b'konsegwenza, l-impatt fuq ir-riżorsi finanzjarji u l-ekonomija. Fid-dawl ta' dan, aktar kumpaniji u azjendi lokali għandhom jieħdu inizjattivi li jwasslu għal kundizzjoni fiżika u mentali aħjar tal-impjegati tagħhom.

F'dan ir-rigward, Il-MEUSAC iħeġġeg lis-settur privat sabiex japprofitta min-numru ta' opportunitajiet ta' fondi tal-UE f'dan is-settur, partikolarment taħt il-programm Erasmus+. Kif semmejna x-xahar li għadda, fost il-proġetti finanzjati minn dan il-programm hemm il-'European Week of Sport' li f'Malta se tkun koordinata mill-Kunsill Malti għall-Isport.

Din għandha tkun opportunità ideali biex entitajiet privati jingħaqdu mal-Kunsill Malti għall-Isport u jinvolvu ruħhom f'attivitajiet li jħallu legat u li jibqgħu jiġu organizzati matul is-sena. Dawk il-kumpaniji interessati li jkunu parti mill-'European Week of Sport' f'Malta għandhom jikkuntattjaw lill-Kunsill Malti għall-Isport fuq kms@sportmalta.org.mt.

Hekk, is-settur privat f'Malta jkun qed jagħti sehmu sabiex mhux biss iċ-ċittadini Maltin jgħixu ħajja aktar f'saħħitha u titjieb l-ekonomija, iżda wkoll biex tonqos ir-rata annwali ta' 500,000 mewt fl-Ewropa kawża ta' mard li jista' jkun riżultat ta' nuqqas ta' attività fiżika.

Għal aktar informazzjoni dwar possibbilitajiet ta' finanzjament Ewropew fil-qasam tal-isport, wieħed jista' jikkuntattja lil MEUSAC fuq 2200 3300 jew funding.meusac@gov.mt.

 minn Vincent Pisani

## World Eight Ball Pool Championship

# Maltin dejjem fuq quddiem... il-barranin jirbħu t-titli



*It-team Malti tas-Seniors*

F'kull kategorija li lgħabna kemm fit-timijiet kif ukoll fl-individwali fil-Kampjonati tad-Dinja tal-Pool, il-Maltin dejjem kienu fuq quddiem iżda it-titli ntrebħu kollha mill-barranin. Kif jgħid il-Malti ... għomejna l-baħar kollu u għeriqna fix-xtajta.

Kelli l-okkażjoni li nara logħba diretta fuq l-internet u din kienet waħda mis-semi-finali kontra l-Ingilterra, fil-kategorija tal-Irġiel.

Ħriġt diżappuntat ħafna kemm b'ċertu żbalji li saru min-naħa tal-players Maltin u anke miċ-ċansijiet mitlufa. L-Ingliżi, min-naħa l-oħra, assolutament ma impressjonawni xejn u li ma kinux għall-izbalji li għamlu u għaċ-ċansijiet mitlufa, il-Maltin setgħu rebħu faċilment.

Stennejt ukoll li Duncan Pisani jingħata aktar ċans li jilgħab tul il-Kampjonat minħabba li mpressjonani bir-rebħiet li kiseb. Għalija kellu jkun għażla awtomatika f'kull logħba u żgur li konna niksbu riżultati aħjar.

Ir-riżultati fil-Fażi tal-Gruppi kienu dawn: kontra l- Irlanda 16-5, Indja 11-10, Franza 15 6, Ingilterra 5-16, Channel Islands 17-4, Awstralja 16 5, Afrika t'Isfel 11-10, Skozja 9-12, Irlanda ta' Fuq 13-8, Mauritius 13-8, Wales 10-11.

B'hekk Malta kisbet tmien rebħiet u tilfet tlieta biex spiċċat fit-tielet post tal-klassifika minn 12-il nazzjon parteċipanti.

Malta kellha tilgħab fil-Play-Offs għall-post fis-semi-finali fejn iltaqgħet kontra l-Indja u rebħet faċilment 11-2. Fis-semi-finali ġejna melgħuba 6-8 kontra l-Ingilterra.

L-aqwa player Malti u t-tieni l-aqwa tad-dinja kien Anton Cushcieri li rebaħ 25 frame minn massimu ta' 33.

Fl-individwali tal-Irġiel, Ray Caruana kiseb l-aħjar riżultat fost il-players Maltin. Minn total ta' 64 player Caruana wasal mal-Aħħar 16 fejn tilef 8-6 kontra l-Ingliż Phil Harrison. Fl-Aħħar 64 Caruana rebaħ lill-player Ingliż Rob Wharne 8-6

filwaqt li fl-Aħħar 32 huwa elimina lil Johnathan Bushnell minn Wales 8-4.

Fil-Kampjonat taż-Żagħżagħ, Taħt it-23 sena, Malta ma kkwalifikatx għall-fażi finali peress li spiċċat fil-ħames post fir-round robin. F'din il-kategorija ħadu sehem 14-il team minn 10 pajjiżi. Infakkru li erba' snin ilu Malta kienet rebħet dan il-Kampjonat tad-Dinja permezz ta' Maverick Zammit, Thurston Grixti u Matthias Mallia.

Fil-fażi tar-round robin Malta kisbet dawn ir-riżultati: kontra l-Indja 6-3, Irlanda A 7-2, Irlanda ta' Fuq B 8-1, Skozja 7-2, Afrika ta' Isfel B 5-4, Ingilterra A 2-7, Ingilterra B 2-7, Afrika t'Isfel A 5-4, Irlanda ta' Fuq A 6-3, Irlanda B 5-4, Wales 4-5, Channel Islands 6-3 u Awstralia 3-6.

Ryan Pisani mhux biss kien l-aqwa player Malti imma wkoll ir-raba' l-aħjar player tad-dinja hekk kif rebaħ 24 frame minn total ta' 39 frame li lagħab.

Fl-individwali ta' Taħt it-23 sena, l-aqwa player Malti kien Dylan Cassar li wasal fis-semi-finali fejn tilef kontra Ben Fortey ta' Wales 7-5. F'din il-kategorija ħadu sehem 49 player.

Fil-kategorija taż-Żagħżagħ Taħt it-18-il sena ħadu sehem ħames nazzjonijiet biss u minnhom għaddew erbgħa għas-semi-finali.

Fir-round robin, Malta kisbet dawn ir-riżultati: kontra Skozja 18-7 u 16-9, Awstralja 8-17 u 13-12, Irlanda 13-12 u 13-12, Ingilterra 9-16 u 12-13. B'hekk Malta spiċċat fit-tielet post. Fis-semi-finali, iż żgħażagħ Maltin sfaw eliminati billi tilfu 13-12 kontra l-Awstralja.

Owen Amato u Dejan Grech mhux biss kienu l-aqwa players Maltin imma wkoll il-ħames l-aqwa fil-Kampjonat Mondjali billi rebħu 24 frame minn massimu ta' 40.

Fil-Kampjonat individwali ħadu sehem 49 player fejn l-aktar player li spikka reġa' kien Owen Amato li irnexxielu jasal sal-Kwarti-Finali fejn kien żvinturat li tilef bi skor verament ristrett ta' 7-6 kontra l-player Ingliż Aaron Davies. Fl-Aħħar 32 Owen Amato elimina lil Tyler O'Connor tal-Irlanda 6-5 filwaqt li fl-Aħħar 16 iltaqa' kontra sieħbu Wayne Farrugia fejn Owen ħareġ rebbieħ 6-2.

Fil-kategorija tas-Seniors Malta kienu sfortunati li fis-semi-finali tilfu 5-4 kontra l-Ingilterra. Kif għedt fil-bidu, f'kull kategorija dejjem morna tajjeb ħafna iżda meta naslu fl-aħħar, inċedu.

Fil-fatt, il-Maltin kienu diġà rebħu lill-istess Ingliżi 5-4 fil-fażi tar-round robin u anke spiċċajna fl-ewwel post flimkien mal-Awstralja.

Kellna wkoll lil Brian Grech jispiċċa bħala l-aqwa player mondjali f'din il-kategorija. Grech irnexxielu jirbaħ 28 frame minn total ta' 36 li lagħab. Ir-riżultati kollha tat-team tas-seniors kienu dawn: kontra l-Ingilterra 5-4, Ingilterra B 5-4, Awstralja 2-7, Franza 8-1, Irlanda 5-4, Irlanda ta' Fuq 5-4, Afrika t'Isfel 5-4, Indja 4-5, Irlanda B 7-2, Franza B 8-1, Skozja 7-2, u Skozja B 4-5.

Fl-individwali Brian Grech reġa' wera l-kapacità tiegħu hekk kif minn total ta' 64 player irnexxielu jasal sal kwarti-finali fejn tilef 7-5 kontra l-Ingliż David Shand.

Fil-Last 64, Grech elimina lill-Franċiż Patrick Guedo b'whitewash ta' 6-0 filwaqt li fil-Last 32 huwa rebaħ lill-player Skoċċiż Andy Kelly b'whitewash oħra ta' 6-0. Fl-Aħħar 16 Brian Grech rebaħ lill-Awstraljan Adrian Lancaster 6-4.

Fil-World Amateur Masters l-aktar player li avvanza kien Anton Cuschieri fejn minn madwar 400 player irnexxielu jasal sal-Aħħar 32 fejn tilef 7-5 kontra Karl O'Donoghue ta' l-Irlanda.

Player ieħor li mar tajjeb kien il-player żagħżugħ Ryan Pisani li nqala' fl-Aħħar 64 kontra Manny Byrne tal-Irlanda ta' Fuq bi frame skor ta' 7-4. Wayne Bonnici wkoll tilef 7-2 fl-istess round kontra l-Ingliż Lee Kendall.




*Iż-żagħżugħ Ryan Pisani*

## Kampjonat 1960-61

# It-Timijiet il-kbar jirbħu kollha



*Frankie Zammit (Valletta) skorer ta' erba' goals kontra St George's*

### It-Tielet Ġurnata

Il-kampjonat irritorna wara waqfa ta' ġimagħtejn minħabba l-Festa ta' Kristu Re fi tmiem il-ġimgħa tat-28 u 29 ta' Ottubru u waqfa oħra fil-ġimgħa ta' wara minħabba l-mawra tat-team Svediż, Hammarby, li lagħab kontra ċ-Champions Valletta u kontra t-team magħżul Malti.

**12-11-1960:**
**Valletta FC – St. George's FC 4-1**
**H.T 2-1 Att: 3,925**
**Skurjaw: L. Stivala (St. Geo) 13' u F. Zammit (V) 25', 26', 63' u 89'**
**Referee: Ritchie Casha**

*Valletta FC*: Tommy Taylor, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Joe Cilia, Johnnie Darmanin, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Nenu Chircop, Frankie Zammit, Freddie 'Il-Waniż' Borg.

*St. George's FC*: Pellicano (Ġużi Mugliett 46'), Leonard Mizzi, Karmenu Frendo, Freddie Delia, Joe Mizzi, Peppi Delceppo, Lino Gafa, Freddie Demanuele, Leli Stivala, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Attard (Aldo Serracino Inglott 46').

1. St. George's FC kienu qed jilagħbu mingħajr Nenu Mizzi li kien jinsab għal erba' ġimgħat fil-Libja mal-Armata.

2. Il-club Bormliż spiċċa mingħajr coach meta ħamest ijiem qabel Mr. Fred Prosser iddeċieda li jirriżenja mill-kariga minħabba li ma sabx koperazzjoni mingħand il-players.

3. St. George's issospendew lill-goalkeeper Ġużi Bonnici 'Il-Yumi' u mmultawh £5 wara li kien irrifjuta li jilgħab fil-partita mill-Cassar Cup kontra Sliema Wanderers (1-3) tat-30 ta' Ottubru, 1960.

4. Minħabba f'hekk, ma' St. George's lagħbu żewġ goalkeepers oħra – Pellicano u Mugliett - biex issa għamlu użu minn erba' goalkeepers fl-ewwel tliet partiti tal-kampjonat. Pellicano, li kien qed jiddebutta, qabel kien fuq il-kotba ta' St. Patrick u tal-club amateur Cospicua Unitas. Skond il-ġurnal *Il-Berqa* - "il-goalkeeper Pellicano għamel xi żbalji minħabba li għadu mingħajr esperjenza filwaqt li Mugliett li daħal minfloku huwa oħxon u tqil."

Mugliett, kien irritorna ma' St. George's mingħand Vittoriosa Stars. L-aħħar partita ta' Mugliett ma' St. George's kienet seba' snin qabel, fl-aħħar ġurnata tal-kampjonat 1952-53 fit-telfa ta' 6-1 kontra Sliema Wanderers.

**13-11-1960:**
**Floriana FC – Marsa FC 2-1**
**H.T 0-1 Att: 2,086**
**Skurjaw: J. Azzopardi (M) 5', F. Cauchi (F) 74' u T. Cauchi (F) 85'.**
**Referee: James Sawyer**

*Floriana FC*: Victor Scerri, Jimmy Farrugia, Pullu Mousù, Żarenu Alamango, Fred Barry, Lino Farrugia, (Lolly Sammut 24'), Fredu Cauchi, Billy Dalli, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Leli Sammut (Twanny Sultana 46')

*Marsa FC:* Salvu Alamango, Ernie Glynn, Renzo Coleiro, Norman Bell, Mario Bonello, Alfred Vassallo, Charles Cassar, J. Azzopardi, Joe Borg, Freddie Parnis, Freddie Chircop.

1. Floriana lagħbu din il-partita mingħajr erba' players regolari meta Freddie Vella James kien imsiefer mal-Armata, Lolly Debattista kellu xi differenzi mall-club, u Eddie Bonnett u 'Il-Koku' Demanuele kienu mweġġgħin. Bonnett kien reġa' weġġa' fil-final tax-Scicluna Cup kontra Valletta filwaqt li l-Koku weġġa' ma' Malta kontra Hammarby.

2. Fil-55 minuta, l-attakkant ta' Floriana Billy Dalli ħabat mal-goalkeeper Salvu Alamango u kellu jħalli l-ground. Peress li Floriana kienu diġá għamlu ż-żewġ sostituzzjonijiet tagħhom huma komplew il-partita b'għaxar players. Dalli kien ittieħed l-isptar f'karozza tal-Pulizija.

3. Il-players ta' Marsa pprotestaw bl-aħrax mar-referee Sawyer meta l-ewwel goal wasal minn corner minflok ngħata foul favur tagħhom, filwaqt li fit-tieni goal sostnew li Tony Cauchi kien f'pożizzjoni ta' offside.

**19 11 1960:**
**Sliema Wdrs. FC – Ħamrun Sp. FC 2-1**
**H.T 1-1 Att: 5,155**
**Skurjaw: J. Cini (S) pen. 10', P. Attard (Ħ) 41' u L. Sammut (S) 55'**
**Referee: George Degiorgio**

*Sliema Wdrs. FC:* Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Joe Grima, Silvio

Micallef, Salvu Bonnici, Alex Gollcher, Maurice Walsh, Joe Cini, Leli Sammut, Robbie Buttigieg, Sammy Nicholl.

*Ħamrun Sp. FC*: Jimmy Gatt, Johnnie Fondacaro (Lino Sciberras 52'), Louis Bonello, Tony Muscat, Pawlu Mallia, Martin Attard, Pawlu Buttigieg, Pawlu Attard, Carmelo 'In-Nene' Grech, Salvinu Schembri, Freddie Galea.

1. Għall-Ispartans dehru għall-ewwel darba fit-team Carmelo Grech 'In-Nene' u Louis Bonello li ħa post Alfred Sciberras li kien imweġġa'. Bonello kien reġa' beda jinżel għat-training ma' Ħamrun mill-ġimgħa ta' qabel wara li kien ilu nieqes mil-logħob minn Frar 1960 mid-draw ta' 1-1 kontra Marsa.

2. Anke Alex Gollcher ta' Sliema Wanderers kien qed jagħmel l-ewwel dehra tiegħu mall-Wanderers meta ma kienx qed jinżel għat-training mall-club.

3. B'sorpriża Ħamrun ħallew barra mit-team lil Ġużi Dimech 'Ir-Rumba' u Twanny Cassar 'Il-Ginger'. Huma kellhom nieqsa wkoll lill-goalkeeper Chetcuti u lil Gejtu Briffa.

**20-11-1960:**
**Hibernians FC – St. Patrick FC 2-0**
**H.T 2-0 Att: 2,353**
**Skurjaw: L. Theobald (H) pen. 17' u J. Mizzi (H) 24'**
**Referee: Paul Bonnett**

*Hibernians FC*: Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Gemel' Privitera, Andrew Ellul, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Louis Theobald, Sunny Anastasi, Henry Vella, Leli Sultana (Edward Azzopardi 80'), Victor 'Il-Palun' Cassar, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb, Jimmy Mizzi.

*St. Patrick FC:* Charles Vella, Joe Bugeja, Joseph Cassar, Twanny Formosa, Tony 'In-Noni' Baldacchino, Gori Farrugia, Ġoġo Gatt, Toninu 'Landolina' Camenzuli, Wally Steel, Wistin 'Il-Babaw' Barbara, Jimmy Casha.

1. Toninu Camenzuli ta' St. Patrick falla penalty fit-58 minuta meta x-xutt tiegħu mar barra.

2. Fit-80 minuta Leli Sultana ta' Hibernians weġġa' wara tackle ma' Camenzuli. Huwa ttieħed l-isptar fejn instab li kien kiser il-qasba ta' siequ minn żewġ postijiet. Huwa ħareġ mill-isptar sitt ijiem wara iżda tilef il-kumplament tal-istaġun.

3. Fil-ġimgħa ta' qabel din il-partita St. Patrick FC akkwistaw lil Tony Formosa mingħand Valletta FC u lil Jimmy Casha mingħand Sliema Wanderers. Tony Formosa aktar tard kien sar wieħed mill-aħjar coaches f'Malta fejn kien anke coach tat-team nazzjonali. Jimmy Casha kien jiġi ħu r-referee Ritchie Casha. St. Patrick kienu diġá akkwistaw lill-ex-player tagħhom Wally Steel mingħand Zebbug Rangers.

4. Ir-referee Pawlu Bonnett deher iwissi lill-player Wistin Barbara li xxuttja b'rabja fid-direzzjoni tal-linesman wara li dan xejjer għall-offside. Barbara kien ġie mmultat nofs lira mill-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA.

5. Mill-bidu tal-kampjonat St. Patrick kienu għadhom m'għamlux użu mis-sotituzzjonijiet. F'din il-partita huma kellhom lil Camenzuli li weġġa' u baqa' jzappap sa tmiem il-partita mingħajr ma ġie mibdul.

*Klassifika*: Hibernians FC u Valletta FC 6 pti.; Sliema Wdrs. FC u Floriana FC 4 pti., St. Patrick FC 2 pti.; Ħamrun Sp. FC u St. George's FC 1 pt., Marsa FC 0 pti.

*L-Aqwa Skorers*: F. Zammit (Valletta FC) 4 goals; F. Cauchi (Floriana FC), M. Walsh (Sliema Wdrs. FC) u N. Chircop (Valletta FC) 3 goals; T. Cauchi (Floriana FC) u L. Theobald (Hibernians FC) 2 goals.

## AĦBARIJIET

Fl-1 ta' Novembru 1960 Valletta rebħu x-Scicluna Cup meta għelbu lil Floriana FC 3-1. Il-Beltin ħadu vantaġġ ta' tliet goals minn Nenu Chircop, Joe Zammit u Freddie Borg bil-goal Furjaniż jasal għaxar minuti mit-tmiem minn Billy Dalli. Wara l-partita kien inqala' l-inkwiet fi Triq Sant'Anna, fil-Floriana fejn weġġgħu xi nies. L-inkwiet beda meta twaddbu xi ġebel lejn il-partitarji Beltin li għaddew ikantaw minn din it-triq. Il-partita kienet intlagħbet fl-10.15 a.m minħabba li wara nofs in-nhar kienet ser tintwera diretta fuq it-TV Taljan il-partita bejn selezzjoni mil-League Taljan u selezzjoni mil-League Ingliż li kellha tintlagħab f'Milan. L-MFA kienet ħalliet din id-data vojta minħabba li kien hemm il-ħsieb ta' partita ta' ħbiberija kontra n-Norveġja iżda wara li ma ntlaħaqx ftehim kienet saret il-finali tax-Scicluna Cup minflok.

Fit-3 ta' Novembru 1960, it-team Svediż I.F Hammarby wasal Malta bil-vapur *Città di Tunisi* biex jilgħab kontra ċ-Champions Valletta u kontra t-team magħżul Malti. Bi żball l-ebda membru tal-MFA ma kien mar jilqa' lill Hammarby. Kien hemm però is-Sinjuri Anthony u Joe Scicluna tal-Istadium li kienu preżenti u salvaw is-sitwazzjoni. Hammarby kienu talbu lill-MFA biex jieqfu Malta u jilagħbu żewġ logħbiet hawnhekk fi triqthom lura minn Iżrael lejn pajjiżhom. Huma kienu talbu £500. Il-Kunsill tal-MFA kien laqgħa it-talba tagħhom fil-Laqgħa tas-27 ta' Ottubru, 1960.

Fil-fatt is-Sibt 5 ta Novembru, 1960, Hammarby lagħbu kontra Valletta u tilfu 2-1 bil-goals taċ-Champions Maltin jaslu fit-tieni taqsima minn Frankie Zammit u Joe Zammit wara li l-Isvediżi kienu daħlu jistrieħu goal minn fuq. Ġurnata wara, Hammarby lagħbu kontra Malta fejn it-team Malti għamel l-impossibbli meta wara li daħlu jistrieħu 4-1 minn fuq, sofrew erba' goals fit-tieni taqsima u tilfu 5-4. Fit-tieni taqsima Malta għamlu xi ħinijiet jilagħbu bi 12-il player meta Sunny Anastasi ħareġ jissikka l-lazz taż-żarbun; sadanittant minfloku daħal jilgħab Delia, biex meta Anastasi lesta daħal lura fil-ground hu wkoll mingħajr ħadd ma nduna b'dan in-nuqqas. Il-goals tal-Maltin waslu minn Tony Cauchi, Joe Zammit, Lolly Borg u Pullu Demanuele.

Waqt Laqgħa tal-Kunsill tal-MFA ir-rappreżentant ta' Hibernians Carmelo Baluci kien staqsa x'kien qed jagħmel l-iskarpan Harry Fenech mat-touchline u kellux x'jaqsam fl-għażla tat-team. Fenech wieġeb għal dan fuq il-gazzetti lokali fejn qal li kien ilu snin jinżel ma' Malta u ħadd qatt ma sab oġġezzjoni.

Fl-10 ta' Novembru, 1960, il-Kunsill tal-MFA kien ivvota sabiex il-membri tal-istampa ma jkunux aktar preżenti waqt il-Laqgħat tal-Kunsill. Dak in-nhar kien hemm attendenza miżera fejn kienu biss disa' (minn 17-il membru) li vvotaw. Il-mozzjoni mressqa minn Robbie Borg Olivier ta' Valletta FC u ssekondata minn Maurice Debono ta' St. George's għaddiet b'sitt voti kontra tlieta fejn il-membri Joe Camilleri ta' Mosta, Pawlu Debattista ta' Ħamrun Spartans u Frankie Attard ta' Rabat FC, kienu t-tliet membri li vvotaw kontra l-mozzjoni. Ir-raġuni li wasslet għal din id-deċiżjoni kien minħabba li fil-gazzetti dehret l-aħbar li t-team Svediż Hammarby kull ma talab lill-MFA kienu £500, iżda minkejja dan l-MFA għamlet il-prezz tad-dħul ogħla mis-soltu.

Fit-23 ta' Novembru 1960, ir-referee John Ellison, li fil-passat ikkontrolla diversi partiti tal-Ewwel Diviżjoni ħalla Malta wara li kien għamel tliet snin fostna. Preżentament Ellison kien il-coach ta' Senglea Athletics. Huwa kien kostrett jitlaq wara li kienet taret biċċa metal f'għajnejh u kien fil-periklu li jitlef id-dawl.

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops



# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' Chelsea

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Awwissu, 2015

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Chelsea ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 99

Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 99 hija:
**C. Vassallo - Paola**



# SPORTIV Tisliba



### Soluzzjoni - Ħarġa nru 99

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| G | R | U | P | P | E | T | T | A | | J | U | S | T |
| E | | R | | U | | H | | B | A | U | | E | |
| N | I | S | H | I | K | O | R | I | | L | A | R | A |
| O | | E | | G | | R | | E | | I | | G | |
| V | O | N | N | | A | N | A | S | T | A | S | I | |
| E | | B | | B | | E | R | | A | N | T | O | N |
| S | E | A | M | A | N | | N | U | N | | A | | E |
| E | | C | | R | | | O | | G | I | G | G | S |
| | C | H | I | N | A | G | L | I | A | | N | | T |
| A | | E | | E | | A | D | L | | M | O | R | A |
| F | O | R | E | V | E | R | | K | A | I | | I | |
| | G | | | E | | E | S | | | L | A | M | A |
| D | O | U | B | L | E | T | | A | | L | | E | |
| | R | | | D | | H | A | Y | G | A | R | T | H |

FITNESS STUDIO

Kull xahar qed jintrebħu żewġ memberships ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Awwissu, 2015:

**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

**Isem u kunjom**

**Indirizz**

**E-mail**

**Ir-rebbieħ ta' Ħarġa 99 huwa: A. Tabone - Mosta**

**Mimdudin**

1) F'dan il-court isir il-French Open tat-Tennis (6,6)
8) Filip, ġimnasta Olimpiku tal-Kroazja (3)
10) Spa-............, iċ-ċirkwit Belġjan tal-Formula 1 (13)
12) Kemm-il darba smajniha din fil-final ta' Espana '82 (3)
14) Il-klabb Ċiprijott tal-futboler Maltija Rachel Cuschieri (7)
16) Anthony, eks attakkant Niġerjan ta' diversi klabbs Maltin (6)
17) Arif, eks attakkant Tork ta' Galatasaray (5)
18) Grzegorz, 100 partita u 45 gowl għall-Polonja (4)
19) Ivan Ivanov, difensur ċentrali Bulgaru ta' Basel (1,1)
21) Winger għat-Taljani (3)
23) Mifsud, plejer femminili ta' Phoenix Handball Club (7)
24) Cameron, judoka Malti promettenti ħafna (4)
25) "...stadion", illum imsemmi għal mitiku Ferenc Puskás (3)
27) Middle ... Race (3)
30) ...athlon, l-isport ta' Fabio Spiteri u Margaret Seguna (3)
32) Álvaro, sewwieq Spanjol ta' Aprilia fil-MotoGP (8)
33) Patrice, left-back Franċiż imwieled is-Senegal (4)
34) Martin, eks kowċ ta' Tottenham, Hamburg u Ajax (3)
35) Micallef, aktar minn 1,500 logħba bħala referi tal-Baskitbol (5)
37) Calleja, direttur ta' Special Olympics Malta
38) u 39) Jurgen, 108 partita u 47 gowl għal Ġermanja (8)
39) Ara 38 Mimdudin

**Weqfin**

1) Alex De ........, referi internazzjonali Malti tal-Waterpolo (8)
2) Unió Esportiva ........., klabb tal-Futbol ibbażat f'Girona, Spanja (10)
3) Gatt, Weightlifter u Atleta femminili Maltija (6)
4) Football Club des ........ De Bordeaux (9)
5) Sterling, winger ħafif Ingliż-Ġamajkan (6)
6) Hawn seħħet it-traġedja tal-Grande Torino (7)
7) u 25) Junker, sprinter femminili Ġermaniża tas-snin 20 (4)
9) Direttur Sportiv (1,1)
11) u 15) "...... Victis", żiemel Svediż ta' 11-il sena (6)
13) Fichte, eks fencer femminili 'tad-deheb' Ġermaniża (4)
15) Ara 11 Weqfin
20) Sepp, min? (8)
22) Xuereb Nathan, tiratur internazzjonali Malti (3)
23) u 32) Paulo, mill-attakk ta' Palermo għal dak Juventin (6)
24) George "The Iceman", baskitboler Amerikan irtirat (6)
25) Ara 7 Weqfin
26) "......de Bannes", żiemel Franċiż ta' 12 il-sena (6)
28) Okan, eks midfilder ta' Inter u t-Turkija (5)
29) ..... da Silva, eks difensur Brażiljan ta' Birkirkara FC (5)
31) u 36) "On the ....", żiemel veteran Svediż (4)
32) Ara 23 Weqfin
34) Belcher, champion Ingliż tal-Boxing fl-1799 (3)
36) Ara 31 Weqfin

# FITNESS STUDIO

Triq il-Ġifen, St Paul's Bay

## Opening Hours

Mon-Fri 05.00 - 23.00

Sat 08.00 - 18.00

Sun 08.00 - 13.00

The prices for a single membership are as follows:

1 year €230

6 months €160

3 months €110

1 month €50

daily rate €7

Kindly call on 21575490 / 77580001 / email to gaucigym@gmail.com for further information


Carlsberg
COPENHAGEN
Carlsberg
Probably the best beer in the world.
ENJOY RESPONSIBLY
drinkawaremalta.com
for the facts